# Il-filosofija politika ta' Eddie Fenech Adami



MARK MONTEBELLO

# Il-filosofija politika ta' Eddie Fenech Adami

**Mark Montebello**

**Artiklu maħruġ mill-ktieb**
***L-Avukat Eddie Fenech Adami: Bejn storja u miti***
**Editjat minn Sergio Grech**
**Horizons, Malta, 2017**
**ISBN 978-999-5775-117**
**paġni 293–332**

© Mark Montebello 2017

## Il-Ġabra tal-Kitba

*Il-filosofija politika t'Eddie Fenech Adami tista' tinġabar minn dak li qal u għamel tul id-diversi fażijiet tal-ħamsa u tletin sena tas-servizz pubbliku tiegħu. Kienet filosofija li xi ftit jew wisq ġiet iggwidata minn għadd ta' prinċipji ewlenin li tħaddmu fil-prattika skont iċ-ċirkustanzi ta' kull fażi storika. X'prinċipji kienu dawn? Kif jintlemħu fl-istruttura tal-ħsieb ta' Fenech Adami? Kif jorbtu mar-relazzjoni li kellu mas-setgħa politika? F'din il-kitba se nistħarreġ fuq fuq il-filosofija politika ta' Fenech Adami biex nidentifika l-prinċipji li ggwidaw il-filosofija tiegħu. Se nistaqsi x'tip t'oriġini kellhom dawn il-prinċipji u jistgħux jitqiesu bħala parti minn aġenda li fassal hu stess. Fi tmiem il-kitba nittama li għandna jkollna idea aktar ċara ta' x'fiżjonomija politika kellu Fenech Adami biex possibbilment nifhmu aħjar il-mixja storika tan-nazzjon Malti tul l-aħħar kwart tas-seklu li għadda.*

**Kliem ewlieni:** *era politika, filosofija politika, ideoloġija, prinċipji tal-filosofija politika, setgħa, utopija.*

Din il-kitba ġiet imtejba bil-kritika li għamluli Andrea Axisa, Michael Grech u Alfred Zammit, li lejhom ninsab grat ħafna.

Niftakarhom qishom il-bieraħ l-imwieġ mielsa tal-eluf ta' ħsejjes tal-folol tilgħin min-naħa ta' Ta' Qali jiksru s-sikta tal-lejl hiemed f'dik ir-rebbiegħa msaħħra tal-1987. Niftakru sew dak il-leħen magħruf ġej jiddeklama fi dlam ħiemed mingħajr ma jinftiehem minn fuq il-wesgħat. Jien kont qiegħed fuq is-swar tal-Imdina ma' wieħed minn sħabi nħarsu kemxejn 'l isfel fuq il-lemin lejn id-dwal qawwija li tħalltu mal-qtajriet tan-nida mifruxa. Il-ħsejjes kienu ġejjin mill-aħħar miting tal-Partit Nazzjonalista qabel l-elezzjoni ġenerali. Il-leħen kien t'Eddie Fenech Adami, il-kap tal-partit. Konna ilna mas-sitt snin u nofs, sa minn Diċembru tal-1981, nistennew ħerqana dak il-jum. Kienet inbniet stennija għatxana li l-qawwa tagħha bil-kemm setgħet tinżamm kwieta f'sidirna. Issa l-waqt tas-sewwa kien saflaħħar wasal. Issa kienu se jsiru l-kontijiet mal-istorja.

Jumejn wara, fid-9 ta' Mejju, l-elettorat mar jivvota bi ħġaru fl-akbar għadd tiegħu, ta' 96.1%, mill-Indipendenza sa dak il-mument,[1] u r-riżultat ta r-rebħa lill-Partit Nazzjonalista. L-istagħġib kien, mhux li rebaħ il-Partit Nazzjonalista, għax dan kien mistenni, iżda li l-maġġoranza kienet biss ta' ftit anqas minn erbat elef u tmien mitt vot! Kienet maġġoranza

1. Il-persentaġġi tal-votanti fl-elezzjonijiet ta' qabel kienu hekk: fl-1966, 89.7%; fl-1971, 92.9%; fl-1976, 94.9%; u fl-1981, 94.6%. (www.gov.mt; accessat fit-28 ta' Ġunju tal-2017)

iżgħar minn dik miksuba mill-Partit Laburista fl-1976![2] Mhux biss. Mill-aħħar elezzjoni d-differenza fiż-żieda tal-voti bejn iż-żewġ partiti ewlenin favur il-Partit Nazzjonalista kienet biss ta' ftit aktar minn sitt mitt vot![3] Tassew li l-Partit Laburista fil-gvern aktarx kien għamel minn kollox biex jirbaħ il-voti, madankollu, wara dak kollu li kien ġara sa mill-elezzjoni tal-1981—ġlied fit-toroq, bojkott, protesti, arresti, illegalitajiet, imwiet, tkissir ta' każini, intimidazzjonijiet u x'naf jien—bil-kemm seta' jitwemmen li d-differenza bejn il-partiti ewlenin kienet se tkun daqshekk fqira.

Kien qed jiġri dak li aktarx jiġri dejjem. Jiġifieri li min ikun fis-sħanat tal-kċina ma jkunx jista' jgħid x'temp hemm barra. In-numri tkellmu aħjar.

Illum, wara li għaddew tant snin fuq dawn il-ġrajjiet, wieħed jista' jifhem aktar fejn kien il-poplu Malti f'dak iż-żmien, hekk maqsum f'żewġ kampjiet antagonisti u ostili għal xulxin, u jifhem ukoll 'il fejn mexa. Wieħed jista' jifhem aħjar

---

2. Sa mill-Indipendenza, l-akbar maġġoranza miksuba kienet dik tal-Partit Nazzjonalista (PN) fl-1966 b'6,882 vot (bid-dnub il-mejjet); imbagħad dik tal-Partit Laburista (MLP) fl-1976 b'6,303 vot; imbagħad din tal-PN fl-1987 b'4,785 vot; imbagħad dik tal-MLP fl-1971 b'4,695 vot; u fl-aħħar dik tal-PN fl-1981 b'4,142 vot. (www.gov.mt; accessat fit-28 ta' Ġunju tal-2017)
3. Id-differenza fiż-żieda ta' 5,589 u 4,946 vot għall-PN u l-MLP rispettivament kienet ta' 643 vot. Filwaqt li fl-elezzjoni ġenerali tal-1981, il-PN u l-MLP ġabu 114,132 u 109,990 voti rispettivament, f'dik tal-1987 ġabu rispettivament 119,721 u 114,936 vot. (www.gov.mt; accessat fit-28 ta' Ġunju tal-2017)

l-'immaġinarju kollettiv' tiegħu, jiġifieri x'kienu l-valuri, l-istituzzjoniiet, il-liġijiet u s-simboli li l-poplu stħajjel li għandha s-soċjetà li sawritu f'dak il-mument, x'sar minn din l-immaġinarju u kif, fis-snin ta' wara, ġie mibdul jew ħa xejra oħra. Wara das-snin kollha, wieħed jista' jibda jifhem x'sustanza kien fih dak l-immaġinarju, u għala, waqt li l-poplu għexu, ma ntebaħx bil-kontradizzjonijiet li kellu, jiġifieri ma kienx konxju mill-inkonsistenzi u l-ambigwitajiet li dak l-immaġinarju ħaddan fih innifsu, paradossi li fil-fatt kienu n-negazzjoni ta' dak l-immaġinarju stess.

2. Dak kien mument ta' definizzjoni liema bħalu li nistgħu grafikament inpinġuh bħalma tidher fl-'**Iskema I**' li ssib f'ras il-paġna li jmiss.

Dik ir-rebbiegħa tal-1987 bdiet it-tmiem t'era—imwielda fil-ħarifa tal-1949, meta Dom Mintoff sar il-mexxej tal-Partit Laburista tmienja u tletin sena qabel—u l-bidu t'oħra, li, bħalma naraw aktar 'l isfel, immaturat madwar l-1993 u għadha sejra sal-lum, tletin sena wara. Il-mument kien il-quċċata li l-binja għaliha kienet saret fis-sitt snin ta' qabel, sa mill-elezzjoni ġenerali fix-xitwa tal-1981, u li ttrasformat ruħha fil-ħdax-il sena ta' wara, sal-ħarifa tal-1996 bil-ħatra t'Alfred Sant bħala Prim Ministru. Din it-tieni era, però, ma ntemmitx fl-1996, imma reġgħet qabdet ir-ritmu fis-sajf tal-1998 meta Fenech Adami reġa' rebaħ l-elezzjoni ġenerali, u ssoktat




b'Lawrence Gonzi u saħansitra wara l-2013 ukoll, kif se nuri, meta Joseph Muscat ħa l-gvern f'idejh. L-era ma nibdihiex fl-1987, però, għax hemmhekk kien hemm biss l-għażla tal-gvern li taħtu nbdiet. Nibdiha fl-1992, mat-*tieni* gvern ta' Fenech Adami, għax, kif se naraw aktar 'l isfel, kien madwar din is-sena, u mhux qabel, li għal diversi raġunijiet beda jaddotta politika li kienet għal kollox differenti minn dik tal-ewwel era.

Bir-riskju li ninstema' wisq bombastiku, insejjaħ 'era' kull waħda mill-perjodi ta' żmien għax fihom tħaddmu għamliet ta' filosofija politika li kienu għal kollox distinti minn xulxin fil-kwalitajiet u l-karatteristiċi tagħhom. L-ewwel era nibdewha bil-ħatra ta' Mintoff bħala kap tal-Partit Laburista—u mhux, ngħidu aħna, mill-1955, meta Mintoff ħa l-gvern għall-ewwel darba, jew ukoll mill-1962, meta Ġorġ Borg Olivier waqqaf l-ewwel gvern wara s-sospenzjoni tal-1958—għax mill-1949 'il




**Skema I**

quddiem, aspetti importanti tal-filosofija politika tal-gvern, allavolja kien immexxi minn Borg Olivier, kienu drastikament influwenzati minn Mintoff bħallikieku kien hu li qed jiddetta l-aġenda politika governattiva.[4]

Rigward l-interludju governattiv t'Alfred Sant ta' bejn l-1996 u l-1998, ma jidhirlix li jagħmel sens li jiġi meqjus bħala xi era għaliha. Hawnhekk m'huwiex il-lok li nidħlu fid-dettall ta' dan, għax dan jitlob studju itwal għalih. Però, jidhirli li nista' ngħid li, għalkemm, tabilħaqq, għal kważi sentejn il-

4. Ara l-ewwel żewġ programmi elettorali tal-Partit Nazzjonalista taħt it-tmexxija ta' Borg Olivier, jiġifieri tal-1951 (*La Patria* tal-25 t'April tal-1951, pp. 2–3) u tal-1953 (*La Patria* tat-12 ta' Diċembru tal-1953, pp. 2–3), parzjalment ripprodotti f'*Album ta' l-Istorja: Partit Nazzjonalista 125 sena servizz*, ed. minn Martin Camilleri, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2005, rispettivament pp. 99 u 101–2, u qabbilhom mal-programm elettorali tal-1950, l-aħħar wieħed taħt it-tmexxija ta' Nerik Mizzi (*La Patria* tal-5 t'Awwissu tal-1950, pp. 3–4, ripprodott fl-istess pubblikazzjoni tal-2005, p. 90.

gvern ta' Sant seta' beda jibdel il-filosofija politika li kien addotta Fenech Adami mill-1987 'il quddiem f'xi aspetti,[5] Sant xorta waħda ma jidhirx li kien irnexxielu jħalli impatt qawwi biżżejjed biex ibiddel definitivament ir-rotta li Fenech Adami kien ta lill-pajjiż. Fost affarijiet oħra, dan kemm minħabba t-turbolenzi li bihom kien inġarrab waqt li ggverna—li effettivament jidhru li kienu bdew sa minn madwar l-1992, jiġifieri mal-erba' snin qabel ma ħa l-gvern—u aktar u aktar minħabba l-qosor tal-gvern tiegħu. Min-naħa l-oħra, lanqas ma nqis li jsawru xi era għalihom waħedhom il-gvernijiet ta' Karmenu Mifsud Bonnici (1984–87), ta' Lawrence Gonzi (2004–09) jew ta' Joseph Muscat (2013– ) għax dawn kienu, u l-aħħar waħda għadha, prattikament kontinwazzjoni, qishom estensjoni, tal-filosofija politika ta' Mintoff fl-ewwel każ, u ta' Fenech Adami fit-tnejn l-oħra.[6]

3. M'għandniex xi ngħidu, fl-immaġinarju kollettiv ta' madwar l-1987 Eddie Fenech Adami kien figura ċentrali. Anzi, nistgħu ngħidu mingħajr wisq probabbilità ta' żball li kien hu personalment—bħala individwu, bħala l-kap tal-Partit

5. Ara: Kenneth Wain, *Democracy without Confession: Philosophical conversations on the Maltese political imaginary*, ta' John Baldacchino u Kenneth Wain, Allied Publications, Malta, 2013, pp. 58–59.
6. Ara: Joseph Muscat, 'Il-ġustizzja soċjali fi żmien kriżi ekonomika', *Joseph: Malta li rrid ngħix fiha*, SKS, Malta, parti minn diskors mogħti waqt seminarju f'Malta fl-1 ta' Ġunju tal-2012, pp. 229–32.

Nazzjonalista u bħala l-Prim Ministru—li kellu sehem kbir fin-nisġa tal-biċċa l-kbira tiegħu.

F'dan li ġej se nfittex li nagħmel tentattiv ta' daqsxejn ta' dikostruzzjoni filosofika ta' dan l-immaġinarju politiku billi nistħarreġ fuq fuq il-kontradizzjonijiet li, konxjentement jew inkonxjentement, jidhru li kienu mistura taħt l-istar tal-ispettaklu u d-diskors pubbliku. Ovvjament, xejn minn dan li ngħid hawn isfel m'hu vanġelu; għandu jitqies bħala għadd ta' riflessjonijiet għall-ħsieb li, ninsab żgur, jeħtieġu aktar żvilupp. Il-kitba se naqsamha fi tliet taqsimiet ewlenin. L-ewwel inħares mill-qrib lejn il-filosofija politika ta' Fenech Adami bejn l-1969 u l-2004 fl-aktar elementi kostituttivi tagħha. Imbagħad, fuq din il-bażi, nagħti daqqa t'għajn sewwa lejn il-prinċipji tal-filosofija politika tiegħu. It-tielet, nistħarreġ ir-relazzjoni ta' Fenech Adami ma' wieħed mill-aktar komponenti ewlenin tal-proċessi storiċi, jiġifieri dak tas-setgħa, partikularment il-korelazzjonijiet tiegħu ma' protagonisti oħra ewlenin bħal Borg Olivier, Mintoff u Karmenu Mifsud Bonnici, kif ukoll mal-Knisja Kattolika Maltija. Fl-aħħar nagħlaq bi ftit riflessjonijiet li jistgħu jaqduna bħala konklużjonijiet tentattivi. L-iskop aħħari ta' din il-kitba hi li, fl-aħħar mill-aħħar, il-qarrej jikseb idea aktar ċara tal-filosofija politika t'Eddie Fenech Adami biex ikun jista' jwieżen aħjar l-esperjenza nazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-aħħar seklu.

# Il-filosofija politika

1. Meta nitkellmu fuq il-filosofija politika ta' xi ħadd ma nkunux irridu nimplikaw li dak il-bniedem huwa neċessarjament filosfu. Li nkunu rridu ngħidu huwa li nippruvaw nilmħu xi prinċipji filosofiċi li bihom dak il-bniedem ikun ħaseb u ħadem fil-prattika politika tiegħu. Dan ifisser li nfittxu li nidentifikaw fl-aġir politiku ta' dak il-bniedem ċerta konsistenza ta' ħsieb u x'kienet issarraf. Din il-konsistenza nilmħuha mill-użu, jew in-nuqqas t'użu, koerenti ta' ftit prinċipji bażiċi li bihom il-ħsieb jiggwida l-aġir, f'dan il-każ dak fil-qasam politiku. Hawnhekk m'aħniex ngħidu li l-aġir neċessarjament jiġi ddeterminat mill-ħsieb jew mill-ideat, u mhux, ngħidu aħna, miċ-ċirkustanzi jew mill-kundizzjonijiet storiċi. Qed ngħidu, pjuttost, li, ukoll jekk l-aġir jiġi ddeterminat miċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet storiċi—u dan jimplika ċerta irregolarità—xorta waħda, meta tħares mill-qrib, għandek issib li jkun hemm xi ftit jew wisq tal-konsistenza jew uniformità fid-deċiżjonijiet li jittieħdu skont il-fasla tal-ħsieb.

Il-konsistenza titkejjel fuq medda twila ta' żmien (orizzonatali) u f'sitwazzjonijiet differenti (vertikali). It-tul taż-żmien ikun meħtieġ biex wieħed jara jilmaħx skema, u l-varjetà tas-sitwazzjonijiet tkun meħtieġa biex wieħed jara jintebaħx b'ċerta uniformità jew regolarità minkejja l-bidla tal-

kundizzjonijiet. Dan kollu jsir waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni żewġ fatturi kritiċi li jżidu t-tielet dimensjoni ma' dawn it-tnejn l-oħra li semmejna. L-ewwel, il-possibbiltà intermittenti ta' kontradizzjonijiet fl-aġir, jiġifieri l-possibbiltà li, minħabba kundizzjonijiet soċjali jew politiċi partikulari, bosta drabi straordinarji, jittieħdu deċiżjonijiet li ma jkunux skond in-norma u, għaldaqstant, l-aġir konkret joħroġ bħala wieħed erratiku. Dan ma jfissirx li neċessarjament bniedem ma jkunx f'siktu. Pjuttost ifisser li bniedem ikun qed jaġixxi tant pressjoni straordinarja li għall-mument tista' ġġiegħlu jieħu deċiżjonijiet li jkunu inkompatibbli mqar mal-prinċipji etiċi jew morali tiegħu. B'hekk, fil-qasam speċifiku tal-politika li

## Jiem politiċi ewlenin f'Malta

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1962 | 17–19 ta' Frar | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Borg Olivier |
| •1964 | 21 ta' Settembru | Jum l-Indipendenza | | |
| 1966 | 26–28 ta' Marzu | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Borg Olivier |
| 1971 | 12–14 ta' Ġunju | L-Elezzjoni Ġenerali: | MLP | Mintoff |
| •1974 | 13 ta' Diċembru | Jum ir-Repubblika | | |
| 1976 | 17–18 ta' Settembru | L-Elezzjoni Ġenerali: | MLP | Mintoff |
| •1979 | 31 ta' Marzu | Jum il-Ħelsien | | |
| 1981 | 12 ta' Diċembru | L-Elezzjoni Ġenerali: | MLP | Mintoff |
| 1987 | 9 ta' Mejju | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Fenech Adami |
| 1992 | 22 ta' Frar | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Fenech Adami |
| 1996 | 26 t'Ottubru | L-Elezzjoni Ġenerali: | MLP | Alfred Sant |
| 1998 | 5 ta' Settembru | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Fenech Adami |
| 2003 | 12 t'April | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Fenech Adami |
| •2004 | 1 ta' Mejju | Id-dħul fl-Unjoni Ewropea | | |
| 2008 | 8 ta' Marzu | L-Elezzjoni Ġenerali: | PN | Lawrence Gonzi |
| 2013 | 9 ta' Marzu | L-Elezzjoni Ġenerali: | LP | Joseph Muscat |
| 2017 | 3 ta' Ġunju | L-Elezzjoni Ġenerali: | LP | Joseph Muscat |

għandna x'naqsmu miegħu hawnhekk, jingħata lok għal diversi għamliet ta' *'realpolitik'*, jiġifieri aġir iddettat aktar minn kunsiderazzjonijiet immedjatament prattiċi milli minn xi prinċipji morali, etiċi jew kunċettwali, u mhux rarament f'kontradizzjoni magħhom. It-tieni fattur kritiku huwa l-possibbiltà reali t'inkongruenza bejn il-ħsieb iddikjarat u l-aġir konkret, jiġifieri l-possibbiltà li, biex inpoġġuha goffa, bniedem teoretikament jgħid ħaġa u prattikament jagħmel oħra. Għall-fini tal-evalwazzjoni korretta tal-konsistenza, dak li tabilħaqq jgħodd bħala komponent ta' valur m'huwiex id-diskors jew xi dikjarazzjoni ta' prinċipji, għalkemm dawn huma bla dubju importanti ħafna, iżda l-aġir u l-komportament konkret.

Fl-istess waqt, biex inqisu l-filosofija politika ta' xi ħadd partikulari fiż-żmien jenħtieġ li nqiegħdu lilna nfusna f'pożizzjoni 'mbiegħda' mill-avvenimenti storiċi, bħallikieku qed inħarsu lejn l-istorja qisha kienet xi biċċa art wiesa' mifruxa fuq medda ġeografika li, mill-għoli, nilmħuha kollha kemm hi minn angolu għoli ħafna. Il-medda storika li se nipprovaw naqbdu fil-ħarsa tagħna hawnhekk f'din il-kitba se tkun ta' madwar sebgħin sena, mill-1949 sal-lum. Minn ottika bħal din, sakemm aħna u għaddejjin ma niffokawx fil-qrib, ħafna mid-dettalji ż-żgħar mhux se jibqgħu jingħarfu aktar, u se jibqa' biss dawk is-sinjali ħoxnin li jikkaratterizzaw il-

topografija tagħna. Madankollu, dawn ikunu biżżejjed biex jagħtuna ħjiel tal-bidliet qawwija, ukoll jekk mhux wisq fil-għadd, li mmarkaw il-wiċċ tal-istorja politika riċenti tagħna u tal-apparat filosofiku li jenħtieġ biex nagħarfuh u naqrawh.

2. Nissokta billi nistqarr l-ovvju, u ċjoè li Fenech Adami ma kienx filosfu, la fis-sens speċjalizzat, għax, għalkemm studja xi ftit filosofija fil-kors universitarju għal avukat, ma ħax il-filosofija bħala professjoni, u lanqas fis-sens ġeneralizzat, għax id-dixxiplina tal-okkupazzjoni ewlenija tiegħu ma kinetx fil-linja teoretika daqskemm fil-linja tal-azzjoni pubblika. Għalkemm dan, ovvjament, ma jnaqqaslu xejn mill-kompetenzi partikulari tiegħu, jagħmel differenza sinifikanti għat-taħriġ li qed nagħmlu hawnhekk. Dan għaliex aktarx ifisser li politiku bħal Fenech Adami ma kienx qed jipprova jinkwadra l-azzjonijiet tiegħu fi ħdan xi fasla teoretika filosofika u jżomm magħha akkost ta' kollox daqskemm, bħalma hu mistenni, li jaġixxi jew jirreaġixxi skont ma l-inklinazzjonijiet u s-sensibbilitajiet tiegħu jissuġġerulu minn żmien għal żmien fiċ-ċirkustanzi konkreti tal-mument. Fi kliem ieħor, fil-proċessi tal-aġir tiegħu kien aktar attiv l-'istint' politiku tiegħu, biex insejħulu hekk, milli xi artikulazzjoni sofistikata ta' ħsieb li tispekula akkademikament mogħdijiet tentattivi t'azzjoni. Għalkemm Fenech Adami qatt m'attenda skola politika formali, dan l-istint kien deċiżament influwenzat mit-taħriġ

legali tiegħu bħala avukat, imma aktar minn hekk mill-esperjenza mill-qrib li kellu f'partit ta' storja twila u mġarrba.

3. Huwa f'dan l-istint, jew intuwizzjoni edukata, li għandna niskopru l-prinċipji filosofiċi ta' Fenech Adami fl-aġir politiku tiegħu. Madankollu, qabel ma nintefgħu għal din it-tfittxija, aktarx ikun ta' siwi li nidentifikaw fil-qosor il-fażijiet ewlenin li minnhom għaddiet il-karriera politika ta' Fenech Adami fuq medda ta' kważi ħamsin sena, mill-1962 sal-2009. Dawn il-fażijiet ewlenin jidhru li kienu erba', bħalma nuri fl-'**Iskema II**' li tidher fil-paġna li jmiss.

Din l-iskema se sservina bħala bażi għad-diskors li se nkompli nagħmel. Ħtieġli nagħmilha ħalli t-taħriġ tagħna jkun imqiegħed sewwa f'kuntest kronoloġiku ċar u jkun eħfef li niffukaw mingħajr tfixkil fuq is-suġġett.

4. Imiss issa li nintroduċi żewġ kunċetti li, għalkemm naf li jistgħu jkunu kontroversali, jidhirli li huma essenzjali għad-diskors tagħna. Huma dawk ta' 'utopija' u 'ideoloġija'. Ir-raġuni għala nħoss li għandna nikkonċentraw fuq dawn iż-żewġ kunċetti huwa għax ma jidhirlix li nistgħu nitkellmu fuq il-prinċipji ta' filosofija politika mingħajr ma nqisu l-istruttura jew il-fasla li fihom jiffunzjonaw. Dan bħal meta tqis, ngħidu aħna, il-prinċipji formali tal-matematika f'struttura stabbli ta' sistema dinamika, bħal sfera, kubu, ċilindru u l-bqija. Il-prinċipji jirrappreżentaw l-aġir ġenerali kwalitattiv fejn il-

# Skema II

## Il-fażijiet ewlenin tal-karriera politika ta' Fenech Adami*

**1. 1962–1977 – Politiku:** F'dan il-perjodu ta' ħmistax-il sena, Fenech Adami kien attiv politikament fil-Partit Nazzjonalista mingħajr setgħa uffiċjali direttament effettiva. Il-perjodu jista' jerġa' jinferaq fi tliet meded iżgħar ta' żmien, u ċjoè:

**1A. 1962–1969** – F'dawn is-seba' snin ikkontesta żewġ elezzjonijiet ġenerali mingħajr suċċess, għalkemm kellu xi uffiċċji amministrattivi fil-partit. Fl-aħħar ġie kkoopjat il-parlament.

**1B. 1969–1974** – F'dawn il-ħames snin kien membru tal-parlament, iżda fl-1974, fit-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta, flimkien ma' oħrajn, b'vot ħieles fil-parlament, b'xi mod iddistakka ruħu mill-kap tal-partit tiegħu stess (Borg Olivier) u xaqleb lejn il-mexxej tal-partit oppost (Mintoff).

**1Ċ. 1974–1977** – F'dawn is-sentejn u fuqhom kien attiv fil-partit u fil-parlament bħala oppożitur non-uffiċjali tal-kap tal-partit tiegħu stess (Borg Olivier).

**2. 1977–1987 – Kap tal-partit:** F'dan il-perjodu t'għaxar snin kien kap tal-Partit Nazzjonalista fl-oppożizzjoni. Il-perjodu jista' jerġa' jinferaq fi tnejn iżgħar, u ċjoè:

**2A. 1977–1981** – F'dawn l-erba' snin u nofs irriforma mill-qiegħ il-Partit Nazzjonalista u tah xejra aktar popolari biex hekk ħejjieh bħala alternattiva għall-gvern Laburista mmexxi minn Mintoff, speċjalment wara l-attakk ikrah fuq daru u familtu minn partitarji Laburisti f'Ottubru tal-1979.

**2B. 1981–1987** – F'dawn il-ħames snin u nofs mexxa mill-oppożizzjoni kampanja ta' reżistenza kontra l-gvern Laburista mmexxi minn Mintoff (sa Diċembru tal-1984) u Mifsud Bonnici.

**3. 1987–2004 – Prim Ministru:** F'dan il-perjodu twil ta' sbatax-il sena kien Prim Ministru, bl-eċċezzjoni ta' sentejn neqsin (bejn l-1996 u l-1998) li fihom tilef il-gvern temporanjament lil Alfred Sant. Il-perjodu nistgħu noforquh fi tlieta, u ċjoè:

**3A. 1987–1992** – F'dawn il-ħames snin neqsin tejjeb l-infrastruttura tal-gżejjer Maltin, saħħaħ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, daħħal riformi soċjali u mexxa 'l quddiem l-applikazzjoni għas-sħubija ta' Malta fil-Komunità Ewropea.†

**3B. 1992–1996** – F'dawn l-erba' snin u nofs fuqhom, filwaqt li kompla jmexxi 'l quddiem l-applikazzjoni għas-sħubija ta' Malta fil-Komunità Ewropea, beda jżid fil-miżuri għat-tisħiħ tas-suq ħieles.

**3Ċ. 1996–1998** – F'dawn is-sentejn neqsin, kif għedna, tilef il-gvern temporanjament.

**3D. 1998–2004** – F'dawn il-ħames snin u nofs kompla jsaħħaħ is-suq ħieles u ħadem b'suċċess biex isieħeb lill-pajjiż fil-Komunità Ewropea, sakemm irriżenja minn Prim Ministru u kap tal-partit (fi Frar tal-2004), kif ukoll minn membru tal-parlament (f'Marzu tal-2004).

**4. 2004–2009 – President:** F'dan il-perjodu ta' ħames snin kien President ta' Malta. Fih Malta ssieħbet fil-Komunità Ewropea (2004), fiż-Żona Schengen (2007) u fiż-Żona Ewro (2008).

© Mark Montebello 2017

* Qabbel ma' 'Dati importanti fil-karriera t'Eddie Fenech Adami', f'*Inservi: Ġabriet ta' kitbiet f'ġieħ Eddie Fenech Adami*, ed. minn Michael J. Schiavone u Leonard Callus, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2009, pp. 755–68.

† Illum magħrufa bħala l-Unjoni Ewropea.

bidliet ċkejkna ma jaffettwawx l-organizzazzjoni fissa.

Ħa nibdew bl-utopija. Il-kelma ġiet maħluqa minn għeruq Griegi fil-ktieb *Utopja* ta' Tumas More fl-1516. Litteralment tfisser 'mhux post' jew post li ma jeżistix. Fost l-użu li jsir minn din il-kelma 'utopja' hemm mill-anqas dawn il-ħames xejriet ewlenin li ġejjin, li jindikaw: (1) sitwazzjoni mistħajla li hija perfetta jew ħafna aktar perfetta minn waħda li qatt eżistiet (l-aktar użu komuni); (2) ordni politiku ideali mibni fuq presupposti soċjali u kulturali li jiffaċilitaw l-aqwa ideali tal-bniedem; (3) tmiem l-istorja li progressivament u inevitabbilment jintlaħaq bi stat soċjali u politiku perfett jew kważi perfett; (4) stat li fih il-bniedem jilħaq il-potenzjalitajiet antropoloġiċi kollha tiegħu; jew (5) stat li l-bniedem jilħaq b'bidliet profondi fl-eżistenza materjali jew spiritwali tiegħu.

Bosta minn dawn it-tifsiriet jirkbu 'l xulin jew għall-anqas ma jeskludux lil xulxin għal kollox. Il-biċċa l-kbira tal-utopiji jipproġettaw stati sbieħ idilliċi (f'dan il-każ jistgħu jissejħu 'eutopija', kelma b'għeruq Griegi li tfisser 'post tajjeb'), għalkemm xi kultant ikunu koroh u deġenerati (jissejħu 'distopja', minn għeruq Griegi li tfisser 'post mhux tajjeb'). L-użu li se nagħmel tal-kelma 'utopija' f'din il-kitba tixbaħ l-aktar it-tieni tifsira li tajt hawn fuq. Se nifhem biha *stat soċjali u politiku li, għalkemm m'huwiex neċessarjament perfett, hu wieħed meqjus meħtieġ u ideali*. F'dan is-sens, l-utopija tiġi

pproġettata bħal speċi ta' 'suppost' storiku li, mhux biss jiġi mistħajjel li jkun il-massimu xieraq għaċ-ċittadini, imma wkoll li ċ-ċittadini ma jistgħux, u m'għandhomx, jgħaddu mingħajru; qisu kollettivament kellhom xi dritt eżistenzjali għalih. Għaldaqstant, dan l-istat utopiku jitpinġa bħallikieku jkun biżżejjed fih innifsu għaċ-ċittadini meta jintlaħaq. Figurattivament, dan it-tip t'utopija nistħajjilha bħal xi 'għadira' f'wita li għandha dħul iżda ebda ħruġ, qisha kienet entità statika magħluqa fiha nnifisha — mhux bħal baħar, biex inżid ma' din it-tixbiha, li baħħar minn wieħed jista' jgħaddi minnu għal ieħor u għal ieħor u għal ieħor mingħajr qatt jieqaf; jiġifieri jgħaddi minn stat għal stat. B'implikazzjoni, dan is-'suppost' stat massimu jiġi pproġettat bħala objettiv ultimu li minħabba fih u għalih iċ-ċittadini jiġu mħeġġa u mwebbla li jinbidlu biex isiru, appuntu, 'kif suppost'.

Politikament, fih innifsu l-kunċett tal-utopija jista' jiġi pproġettat kemm minn politiċi tax-xejra xellugija daqskemm minn dawk tax-xejra leminija.

5. Nerġgħu niġu għal dan meta aktar 'l isfel inqisu l-prinċipji filosofiċi ta' Fenech Adami. Għalissa ħa nqisu ftit il-kunċett l-ieħor, dak tal-ideoloġija. Dan spiss jimxi mill-qrib mal-kunċett tal-utopija għax, filwaqt li l-utopija tfittex li tfisser il-kundizzjonijonijiet meħtieġa għall-perfezzjoni soċjali, l-ideoloġija tissimplifika sitwazzjonijiet kumplessi għal qisien li

ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmuhom b'aktar ħeffa ħalli b'hekk jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet li jkunu jistgħu jittieħdu.[7]

Il-kelma 'ideoloġija' tiġi miż-żewġ għeruq Griegi *'idea'*, jiġifieri idea, u *'logos'*, jiġifieri diskors sistematiku fuq xi ħaġa. Għalkemm għall-ewwel il-kelma kellha konnotazzjonijiet negattivi (grazzi għal Napuljun u Marx),[8] illum ħafna jużawha biex, b'mod mill-aktar ġenerali, tirreferi għal *kull* ġabra xi ftit jew wisq sistematika t'ideat jew twemmin, speċjalment fil-qasam politiku (fejn il-ġabra tal-ħsieb tiggwida l-azzjoni).[9] Fil-bqija ta' din il-kitba jien se nuża l-kelma 'ideoloġija' biex tindika ġabra *speċjali* ta' ħsieb, u ċjoè dak *il-ħsieb sistematiku li inkonxjament jinħoloq minn persuna jew persuni dominanti f'soċjetà biex isostnu u jsawru mudell t'ordni soċjali partikulari li jivvantaġġjahom*. B'persuna jew persuni 'dominanti' rrid ngħid għal li jikkontrollow l-istituzzjonijiet stabbiliti jew 'materjali' tas-soċjetà, bħall-proprjetà, il-finanzi, it-teknoloġija, il-midja, l-

---

7. Willard A. Mullins, 'On the concept of ideology in political science', *American Political Science Review*, vol. 66, nru. 2, Ġunju tal-1977, Washington DC, Stati Uniti tal-Amerika, p. 507.
8. Il-kelma ġiet oriġinarjament maħluqa minn Antoine Destutt de Tracy fl-1796 fi Franza biex tindika xjenza jew sistema razzjonali ta' ideat li, permezz tal-programm ta' riforma li tiġġenera, setgħet teħodha kontra l-irrazzjonalità tal-folol waqt it-terrur imkeskes minn Robespierre. Napuljun, però, użaha fl-isem dispreġġjattiv li ta lil Destutt de Tracy u sħabu biex jippersegwitahom. Wara, il-kelma wżaha f'dan is-sens negattiv Karl Marx, bħal fl-*Ideoloġija Tedeska* li kiteb ma' Friedrich Engels fl-1846, u f'diversi kitbiet oħra.
9. Ara: Terry Eagleton, *Ideology: An introduction*, Verso, Londra/New York, 1991.

impjiegi u l-bqija. Għaldaqstant, f'dan is-sens speċifiku nsostni li l-ideoloġija ma tistax ma tkunx oppressiva. Insostni wkoll li *kull* ġabra t'ideat jew twemmin, imqar l-aktar waħda xellugija ħarxa, jew ukoll l-aktar waħda mqaddsa, tista' ssir ideoloġija minnha mingħajr ma bniedem jintebaħ li qed jagħmel dan.

Issa, x'jirriżulta meta nġibu flimkien dawn iż-żewġ kunċetti—jiġifieri tal-utopija u tal-ideoloġija—skont kif iddefinejthom jien hawn fuq? Jirriżulta li jkollna f'soċjetà persuna jew għadd ta' persuni dominanti li, għall-vantaġġ tal-proġettazzjonijiet tagħhom u, għaldaqstant, tagħhom infushom, filwaqt li jipproġettaw utopija li kulħadd ikun mistenni li jimmira lejha bħallikieku kienet xi ħaġa minn ewl id-dinja, isawru soprastruttura soċjali u politika li ssostni sistema ta' ħsieb li tiddetermina l-aktar għodod xierqa li kulħadd, waħdu u flimkien, hu mistenni li jaddotta biex tintlaħaq l-utopija pproġettata. F'dan is-sens, l-ideoloġija mhux biss timplika *fejn* 'suppost' qegħdin (utopistikament), imma wkoll, skont il-forom differenti tas-soprastruttura (bħal dawk legali, kulturali, edukattivi, xjentifiċi u l-bqija), aħna *min* 'suppost' għandna *nkunu* u kif 'suppost' għandna *nġibu rwieħna*.

## Il-proġettazzjonijiet ta' Fenech Adami

1. B'dan f'moħħna, ħa nerġgħu nduru għall-'**Iskema I**' li

rajna aktar 'il fuq tal-fażijiet ewlenin tal-karriera politika ta' Fenech Adami, ħalli nżid magħha l-proġettazzjonijiet politiċi li jidher li qiegħed quddiem il-pubbliku Malti. Qed nuża l-kelma 'proġettazzjoni' biex nindika xi għamla ta' proposta pubblika. Fl-'**Iskema III**' li tidher fil-paġna li jmiss se nżid ukoll, bħala għajnuna, it-tnebbiħ li minnu nista' nissaponi li ġab l-ideat tiegħu. Biex nagħmel dan, f'din il-lista li għandek fl-iskelma se nuża l-istess enumerazzjoni u datazzjoni tal-iskema ta' qabel (1A, 1B u l-bqija).

Qabel ma nkomplu, jaqbel li nfisser xi termini li wżajt f'din l-'**Iskema III**' (tentattiva) tal-paġna li jmiss. Nibda mill-ħsibijiet ewlenin, jew predominanti, li identifikajt f'kull perjodu. Dawn huma stati ta' moħħ li jikkaratterizzaw il-ħsieb. Bil-kelma 'parrokkjali' rrid nindika l-interess li jintwera aktar f'parti żgħira ta' xi ħaġa milli fil-ħaġa kollha; aktar f'sezzjoni lokali t'organizzazzjoni milli fil-kuntest aktar wiesgħa tagħha. Il-kelma 'partitistika' tindika l-attenzjoni li tingħata aktar lejn il-ħajja u l-ħtiġijiet ta' partit politiku partikulari milli lejn dawk tal-provinċja, l-istat jew il-pajjiż li jinsab fih l-istess partit. 'Nazzjonali' tindika l-kunsiderazzjoni tal-ħajja u l-ħtiġijiet tan-nazzjon bħala entità sħiħa.

Fil-kolonna tal-ideoloġiji, it-termini li wżajt fiha jindikaw diversi tipi ta' ħsieb sistematiku li, imħaddna mqar b'mod li ma jkunx konxju, bħalma ndikajt qabel jipproġettaw mudelli

## Skema III

| Il-proġettazzjonijiet politiċi ta' Fenech Adami | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **FAŻI** | **SNIN** | **ĦSIEB EWLIENI** | **IDEOLOĠIJA** | **UTOPIJA** | **TNEBBIĦ** |
| 1A | 1962–1969 | **Parrokkjali** | **Xejn** | **Xejn** | *Xi ftit jew wisq għajn m'għajn ma' Borg Olivier* |
| 1B | 1969–1974 | **Parrokkjali/ partitistika** | **Xejn** | **Xejn** | *Dubju f'Borg Olivier u f'simpatija mal-kapaċitajiet ta' Mintoff* |
| 1Ċ | 1974–1977 | **Parrokkjali/ partitistika** | **Xejn** | **PN* riformat u modern** | *Kontra Borg Olivier; kontra Mintoff* |
| 2A | 1977–1981 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Nazzjonaliżmu** | **Pajjiż riformat u modern** | *Mid-DC† Taljan; 'popolariżmu'; kontra Mintoff* |
| 2B | 1981–1987 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Ċivilizzazzjoni** | **Restawrazz-joni tad-demokrazija** | *Terminoloġija demokristjana‡; kontra Mintoff (sal-1984) u Mifsud Bonnici* |
| 3A | 1987–1992 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Ewropeiżmu** | **Sħubija fl-KE§** | *Soċjaldemokratiċi* |
| 3B | 1992–1996 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Ewropeiżmu** | **Sħubija fl-KE** | *Neoliberaliżmu* |
| 3Ċ | 1996–1998 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Ewropeiżmu** | **Sħubija fl-KE** | *Neoliberaliżmu* |
| 3D | 1998–2004 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Ewropeiżmu** | **Sħubija fl-KE** | *Neoliberaliżmu* |
| 4 | 2004–2009 | **Parrokkjali/ nazzjonali** | **Xejn** | **Xejn** | © Mark Montebello 2017 |

* PN = Partit Nazzjonalista    † DC = *Democrazia Cristiana*
‡ Maħduma minn Peter Serracino Inglott
§ KE = Komunità Ekonomika Ewropea (Illum l-Unjoni Ewropea)

t'ordni soċjali permezz tal-bidliet li jġibu fis-soprastruttura. 'Nazzjonaliżmu' tindika l-ħsieb u l-mudell li huma bbażati fuq il-ħarsien u t-tkabbar tal-ġid nazzjonali, l-imħabba lejn in-nazzjon, u l-identità nazzjonali. 'Ċivilizzazzjoni' tindika l-ħsieb u l-mudell li huma bbażati fuq ir-riedni tal-liġi, is-separazzjoni tas-setgħat statali, l-ordni pubbliku, u l-iżvilupp soċjali skont l-aqwa tradizzjoni tal-Punent. 'Ewropeiżmu' tindika l-ħsieb u l-mudell li huma bbażati fuq il-wirt kulturali komuni tal-kontinent Ewropew.[10]

F'ras l-aħħar kolonna qegħidt il-kelma 'tnebbiħ'. Biha rrid nindika dawk l-għejun kuntestwali li jidhru li kienu l-aktar determinanti fit-tiswir tal-ħsieb, l-ideoloġiji u l-utopiji ta' Fenech Adami matul iż-żmien. Għalkemm dawn l-għejun għandhom mnejn li huma wisq issimplifikati, għall-anqas jagħtuna ħjiel tal-motivazzjonijiet kurrenti.

2. Ngħaddi issa biex nagħmel sitt osservazzjonijiet tentattivi fuq xi karatteristiċi li naħseb li huma interessanti fl-iskema li għadni kemm tajt. Nibda mill-aktar waħda li nqisha relevanti għal din il-kitba tagħna, jiġifieri dik tal-aġenda politika ta' Fenech Adami. Bħalma juri l-għerq Latin (*'ago'*) tal-kelma 'aġenda', din tirreferi għal affarijiet li għandhom jiġu magħmula.

---

10. Eddie Fenech Adami, 'It-twemmin tagħna fil-kultura Maltija', *Oqsma tal-Kultura Maltija*, ed. minn Toni Cortis, Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Intern, Malta, 1991, p. 290.

Hawnhekk għandna żewġ affarijiet interrelatati li rridu nqisu: (1) il-ħidma li għandha ssir u (2) il-kuntest li fiha din il-ħidma trid issir. Għalkemm l-aġenda torbot mill-qrib mat-tieni waħda (li, ovvjament, ma toħloqx hi), hi essenzjalment *magħmula* mill-ewwel waħda. Għalhekk, minkejja li kull politiku, speċjalment jekk ikun f'pożizzjoni ta' mexxej, huwa mistenni li jadatta ħsiebu u ħidmietu għaċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet tal-kuntest li jsib ruħu fihom, xorta waħda jibqa' lok fejn nistaqsu kif u minn min kienet qed issir l-aġenda tiegħu. Filwaqt li l-politiku m'hu b'ebda mod l-aġent attiv tal-kuntest, imma biss aġent passiv, hu jew jista' jkun l-aġent attiv tal-aġenda. Filwaqt li b'‘aġent attiv' nifhem persuna li toħloq jew għandha kontroll fuq xi ħaġa li tiġri jew issir, b'‘aġent passiv' nifhem persuna li m'għandhiex kontroll fuq il-ħolqien ta' dak li jiġri jew isir. Issa, kemm il-kuntest jinfluwenza l-aġenda, jew kemm l-aġenda tinfluwenza l-kuntest, hija kwistjoni oħra. Jibqa' l-fatt li huma distinti minn xulxin, u wkoll b'dinamika possibbilment differenti. Għalkemm bla dubju jirkbu fuq xulxin, iż-żewġ affarijiet ma jistgħux jiġi meqjusa neċessarjament identiċi. Fil-kas ta' Mintoff, ngħidu aħna, ma jidhrux li kienu, għall-anqas mhux tul il-karriera politika kollha tiegħu. Fil-kas ta' Fenech Adami, aktarx li kienu. Dan hu l-punt ewlieni li xtaqt nagħmel hawnhekk. Fi kliem ieħor, Fenech Adami jidher li, mhux biss kien l-aġent passiv fir-relazzjoni tiegħu mal-kuntest (ħaġa

ovvja), imma wkoll l-aġent passiv fil-ħolqien tal-aġenda politika tiegħu. Mela min kien l-aġent attiv tagħha? Nistgħu nidentifikaw tnejn. Wieħed qabel (bejn wieħed u l-ieħor) l-1992 u ieħor wara. Sal-elezzjoni ġenerali tal-1992 (perjodu ta' madwar tletin sena—mill-1962—li jikkorrispondi għall-fażijiet 1A sa l-ewwel biċċa ta' 3A fl-'**Iskema II**' aktar 'il fuq; ara wkoll '**Skema I**'), l-aġent attiv tal-aġenda ta' Fenech Adami jidher li kien Mintoff. Minn madwar dik is-sena 'l quddiem, l-aġent attiv tal-aġenda tidher li kienet il-Komunità Ewropea (illum l-Unjoni Ewropea). Mela, nistgħu nistaqsu, x'sehem kellu Fenech Adami bħala l-aġent passiv tal-aġenda tiegħu stess? Għalissa dan is-sehem se nsejjaħlu 'risponsiv'. Aktar 'l isfel infisser f'aktar tul x'irrid ngħid b'dan it-terminu.

3. It-tieni kunsiderazzjoni hija fuq il-lingwaġġ politiku. Fil-biċċa sew mill-itinerarju politiku ta' Fenech Adami jidher li kien hemm nuqqas ta' sofistikazzjoni terminoloġika. Dan minkejja l-bażi ta' qari politiku relattivament tajjeb li kellu (speċjalment meta mqabbel ma' dik tal-biċċa l-kbira tal-politiċi Maltin l-oħra, kemm ta' żmienu u kemm illum). Din is-sofistikazzjoni tidher li ġiet relattivament tard, lejn il-bidu tas-snin tmenin (tmiem il-fażi 2B), u ħadimha l-qassis filosfu Peter Serracino Inglott.[11] It-taħriġ beda bil-programm elettorali tal-1981 u ħa l-forma definita

11. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, Allied Publications, Malta, 2014, pp. 77–9.

tiegħu fl-1986 bil-pubblikazzjoni *PN: Stqarrija ta' Fehmiet Bażiċi*. Għalkemm din it-terminoloġija kienet maħsuba biex toħloq speċi ta' pont bejn, minn naħa, id-diskors rudimentali u kważi kważi *naïve* tal-fażi ta' qabel (2A) u, min-naħa l-oħra, bejn it-tħaddim tas-setgħa (mill-fażi 3A 'il quddiem),[12] il-fatti wrew mod ieħor. Dan għax id-diskors u l-miżuri neoliberali li Fenech Adami beda jaddotta f'dawn l-aħħar fażijiet minn madwar l-1993 'il quddiem (3B–3D)[13] jistgħu jitqiesu li kienu prattikament ċaħda tal-'fehmiet bażiċi', demokristjani, mistqarra fl-1986. Il-'fehmiet' u n-neoliberaliżmu jidhru li kienu f'kontradizzjoni evidenti ma' xulxin. Jekk ma kienx hekk, allura l-ewwel pożizzjoni, dik demokristjana, kienet sa ċertu punt tostor fehmiet li ħarġu għad-dawl ħafna aktar tard fit-tieni pożizzjoni.[14] Fuq dan nerġgħu naqbduha meta nistħarrġu l-prinċipji filosofiċi. Hawnhekk nistgħu nżidu biss li, ukoll wara li Fenech Adami kien temm il-karriera politika tiegħu (fl-2009), Serracino Inglott xorta waħda baqa' jsostni li l-filosofija politika ta' Fenech Adami kienet ta' natura fundamentalment

---

12. Daniel Massa, *PSI: Kingmaker: Life, thought and adventures of Peter Serracino Inglott*, Malta, 2013, xhieda ta' Eddie Fenech Adami u Louis Galea, pp. 505–6.
13. Ara: Commission of the European Communities, *The Challenge of Enlargement: Commission opinion on Malta's application for membership*, Brussels, Luxembourg, 1993, partikularment 'The economy: moving towards Integration with the Community', pp. 11–3.
14. Ara: Mario Vella, *Reflections in a Canvas Bag: Beginning philosophy between politics and history*, Publishers Enterprises Group, Malta, 1989, pp. 163–5.

demokristjana.[15] Għandu mnejn seta' ried jgħid b'dan li Fenech Adami, jew qatt ma ħaddan in-neoliberaliżmu fit-totalità tiegħu iżda dejjem baqa' jżomm elementi demokristjani mħalltin miegħu, jew id-demokristjaniżmu u n-neoliberaliżmu tiegħu b'xi mod akkomodaw lil xulxin. Seta' kellu raġun f'kull każ.

4. It-tielet kunsiderazzjoni hi fuq il-ħsibijiet ewlenin li semmejt fl-iskema. Għalkemm f'termini filosofiċi l-ħsieb parrokkjali tal-ewwel fażi (1A) jidher imbiegħed ħafna mill-ideoloġija Ewropeista tal-aħħar fażijiet (3A–3D), ma jidhirx li kien hemm bidla sustanzjali fl-attitudni bażika. Kulma tinbidel hija donnha d-dimensjoni. Infatti, jidher li, mill-bidu sal-aħħar, mill-ewwel sal-aħħar fażi, l-interess politiku ewlieni kien u baqa' provinċjali u insulari: l-ewwel għad-distrett lokali (fażi 1A), wara għall-partit (1B-1Ċ), imbagħad għal-lokal nazzjonali (2A-3D). Dan aktarx ma jiġġustifikax għal kollox it-titlu ta' *'small village lawyer'* li darba kien ingħata lil Fenech Adami.[16] Dan għax—inkunu ċari—din ma kinetx xi ħaġa tiegħu biss.

15. Peter Serracino Inglott, '"A society based on dialogue": A source of the idea – Charles Taylor', f'*Inservi: Ġabriet ta' kitbiet f'ġieħ Eddie Fenech Adami*, ed. minn Michael J. Schiavone u Leonard Callus, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2009, pp. 55–62.
16. It-titlu jidher li kien ingħata f'xi żmien mill-bloggista Daphne Caruana Galizia, iżda li baqgħet tirrepetiha sa ftit ilu; ara: www.independent.com.mt/articles/2017-06-25/blogs-opinions/Leader-ship-notebook-6736175845 (aċċessat fit-13 ta' Lulju tal-2017) u partikularment il-kumment tagħha tal-25 ta' Ġunju tal-2017. Ara wkoll: archive.maltatoday.com.mt/2009/04/01/t5.html (aċċessat fil-25 ta' April tal-2017). Saħansitra Mintoff stess kien iddefenda lil Fenech Adami kontra t-titlu; ara: Dominic Fenech, intervista f'*L-Elf Lewn ta' Mintoff*, ed. minn Claire Xuereb Grech, SKS, Malta 2014, p. 719.

Anzi, l-istess attitudni parrokkjali identika tintwera mill-biċċa l-kbira tal-Maltin u l-Għawdxin, u mill-politiċi kważi kollha. La l-familjarità mal-ideoloġija Ewropeista fuq medda ta' ħafna snin, la l-utopeiżmu tas-sħubija fil-Komunità Ewropea u lanqas is-sħubija nnifisha ma bidlu din l-attitudni parrokkjali mifrux.[17]

5. Ir-raba', l-iskema tista' tindika l-interessi 'klassisti' ta' Fenech Adami, jiġifieri ċerta għażla bejn iċ-ċittadini fuq il-bażi tal-klassi soċjali tagħhom. Ġeneralment, il-politika leminija ma tammettix li f'soċjetà teżisti xi taqtigħa ta' klassijiet, fis-sens li ma tammettix li hemm konflitt t'interessi soċjoekonomiċi bejn xi klassi dominanti u oħra jew oħrajn maħkuma. Min-naħa l-oħra, il-politika xellugija, filwaqt li tinsisti fuq il-preżenza ta' taqtigħat ta' klassi f'kull soċjetà kapitalista, issostni li l-pożizzjoni leminija fuq din il-kwistjoni hi biss għata biex tgħaddi xturha, u ċjoè biex fir-realtà tivvantaġġja l-klassijiet dominanti (finanzjarjament, kulturalment u l-bqija). Biex nistħarrġu dan sewwa f'rabta mal-każ tagħna hawnhekk, l-iskeda li pproponejt hawn fuq irridu narawha, kontra kif għamilna fir-raba' punt li għadna kemm semmejna, minn isfel għal fuq, u ċjoè billi nibdew minfejn *spiċċaw* il-proġettazzjonijiet utopistiċi u ideoloġiċi. Dan jeħtieġ li

17. Ara: Oliver Friggieri, 'Il-mudelli l-ġodda huma internazzjonali', *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn definizzjoni storika-kulturali*, Publishers Enterprises Group, Malta, 1995, pp. 118–20.

nagħmluh għax, bħala l-fini aħħari tal-itinerarju politiku kollu, il-proġettazzjoni tal-aħħar b'xi mod *diġà* tinsab, qisu f'żerriegħa, f'dawk ta' qabilhom kollha; tal-aħħar hija biss il-forma l-aktar matura jew żviluppata tal-bidu. Fi żmien li Fenech Adami kien Prim Ministru (fażi 3), bl-eċċezzjoni tal-ewwel fażi ta' dan il-perjodu (3A), li se nitkellmu fuqha dalwaqt, hu evidenti li fil-proġettazzjoni tal-aħħar nett, jiġifieri fl-utopiji tas-sħubija ta' Malta fil-Komunità Ewropea u fl-ideoloġija Ewropeista (fażijiet 3B sa 3D), it-tnebbiħ huwa kollu kemm hu neoliberali, preċiżament kontra d-diskors demokristjan ta' Serracino Inglott,[18] jew, kif indikajt aktar 'il fuq, bi żvilupp partikulari ħafna tiegħu. F'dawn il-fażijiet kienu l-klassijiet dominanti li ġew ivvantaġġjati, u l-interessi soċjoekonomiċi tagħhom li ġew imħarsa l-aktar. Dan għandu jgħidilna żewġ affarijiet ewlenin. Waħda, li s-sustanza tal-utopiji u l-ideoloġiji li ġew ipproġettati preċedentement (tal-fażijiet minn 2A sa 3A) aktarx kellhom l-istess attitudni favur ċerti klassijiet u mhux t'oħrajn, anki jekk mhux b'mod daqstant pronunzjat, fil-miftuħ jew żviluppat. It-tieni, jgħidilna wkoll l-istess ħaġa fuq in-natura tal-oppożizzjoni ta' Fenech Adami kontra Borg Olivier (f'fażi 1Ċ) u kontra Mintoff (1Ċ sa 2B). Dan jista' b'xi mod jispjega wkoll l-azzjoni ta' Fenech Adami

18. *PN: Stqarrija ta' Fehmiet Bażiċi*, Partit Nazzjonalista, Malta, 1986, pp. 7–8.

fil-konfront tal-bidliet kostituzzjonali proposti minn Mintoff fil-vot ħieles għar-Repubblika fl-1974 (fi tmiem fażi 1B).[19] Hawnhekk, f'azzjoni xejn tipika, flimkien ma' oħrajn Fenech Adami kien ivvota kontra l-ġudizzju ta' Borg Olivier minkejja d-dubji li stqarr li kellu fuq il-legalità u l-validità tal-bidliet kostituzzjonali.[20]

L-attitudni bażika f'dan kollu tidher li kellha għall-anqas żewġ skopijiet imperattivi. Meta l-Laburisti kienu fil-gvern (1Ċ sa 2B), jidher li l-attitudni kienet li jiġu mħarsa l-interessi tal-klassijiet dominanti li b'xi mod ħassewhom mheddha minn Mintoff u Mifsud Bonnici. Wara, meta Fenech Adami nnifsu kien fil-gvern (3A sa 3D), l-attitudni tidher li nbidlet għal waħda li tivvantaġġja dawk l-istess klassijiet.[21] Dan jisħaq fuq kemm kien artifiċjali d-diskors demokristjan tal-fażijiet 2A u 2B ta' bejn l-1977 u l-1987.[22]

6. L-aħħar kunsiderazzjoni hi fuq il-fażi 3A ta' bejn 1987 u l-1992 ta' meta Fenech Adami kien Prim Ministru għall-ewwel darba. F'dan il-perjodu relattivament qasir t'inqas minn ħames

---

19. Ara: Ugo Mifsud Bonnici, *Kif Sirna Repubblika*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 1999.
20. Eddie Fenech Adami, 'Tivvantaġġja lill-pajjiż u għalhekk nivvota favur', diskors fil-parlament, seduta 359, fit-12 ta' Diċembru tal-1974, f'*Inservi*, pp. 553–8.
21. Mario Vella, 'The economics of hypocrisy: Deconstructing half a century of development discourse in Malta – Notes on work in progress", *Social Transitions in Maltese Society*, ed. minn J. Cutajar u G. Cassar, Agenda, Malta, 2009, pp. 383–7.
22. Ara: Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà: Is-sisien għall-ġejjieni*, programm elettorali, Malta, 1987, parti II, pp. 4–6.

snin ġraw affarijiet drammatiċi li aktarx ħallew impatt qawwi fuq il-politika tiegħu.[23] Ibda biex, fil-bidu ta' Novembru tal-1989 beda nieżel il-Ħajt ta' Berlin. Sena wara, f'Ottubru tal-1990, reġgħu ngħaqdu l-Ġermanja tal-Lvant u tal-Punent. Sena oħra wara, f'Diċembru tal-1991, iġġarrfet l-Unjoni Sovjetika, li ħalliet l-Istati Uniti tal-Amerika bħala l-unika superpotenza, mhux anqas fil-qasam ekonomiku. Waħda mill-effetti ewlenin ta' dawn il-bidliet kbar u oħrajn kien it-tisħiħ qawwi tal-liberaliżmu ekonomiku (ġeneralment assoċjat man-neoliberaliżmu). Dan affettwa l-politika u l-prioritajiet tal-Komunità Ewropea,[24] li fi Frar tal-1992, ġimgħatejn biss qabel l-elezzjoni ġenerali f'Malta, permezz tat-Trattat ta' Maastricht, fl-Olanda, għamlet pass deċiżiv lejn l-integrazzjoni tagħha simbolizzat fil-bidla t'isimha għall-Unjoni Ewropea. Aktar minn hekk, speċjalment taħt il-presidenza ta' Jacques Delors (bejn l-1985 u l-1995), fuq l-eżempju ta' mexxejja bħal Margaret Thatcher tal-Gran Britannja (1979–90) u Ronald Reagan tal-Istati Uniti (1981–89),[25] l-Unjoni bidlet il-linji

23. Michael Grech, 'Adieu laissez-faire', f'*Jottings and Reflections*, ta' Michael Grech, oriġinarjament ippubblikat f'*The Times of Malta* fis-27 ta' Frar tal-2013 bħala 'Was Mintoff right?', Faraxa Publishing, Malta, 2013, pp. 53–4.
24. Peter Calvocoressi, *World Politics 1945–2000*, 8nn ed., Pearson Longman, Londra, 2001, pp. 260–9.
25. Nicolas J. Firzli, 'The End of 'Globalization'? Economic Policy in the Post-Neocon Age', *Revue Analyse Francière*, Nru. 60, Lulju–Settembru tal-2016, pp. 8–10.

gwida soċjaldemokratiċi tagħha u spiċċat addottat politika ekonomika neoliberali favur il-privatizzazzjoni, l-awsterità fiskali, id-deregulazzjoni, il-kummerċ ħieles bla restrizzjonijiet u t-tnaqqis fl-infiq tal-gvernijiet sabiex jitkabbar ir-rwol tas-settur privat fl-ekonomija u s-soċjetà.[26] Sadattant, fl-Italja d-Democrazia Cristiana kienet għaddejja minn kriżi għal oħra, sakemm fl-aħħar, fi Frar tal-1992, anqas minn ġimgħa qabel l-elezzjoni ġenerali f'Malta, bdiet l-investigazzjoni *Mani pulite* (idejn nodfa), magħrufa bħala *Tangentopoli* (Belt it-Tixħim), li kixfet suspetti kbar ta' tixħim ta' biċċa kbira tal-politiċi u l-mexxejja tad-Democrazia Cristiana, sakemm dan il-partit sfaxxa fl-1994.

Dan iż-żmien, speċjalment bil-waqa' tal-Unjoni Sovjetika, ġieli ssejjaħ it-'tmiem tal-ideoloġiji', għalkemm dan kien aktarx ġudizzju kemxejn mgħaġġel.[27] Li hu aktar ċert huwa li f'Malta dan kollu kien fost dak, għalkemm aktarx mhux waħdu, li wassal lil Fenech Adami biex, fit-tieni leġislatura tiegħu, fis-snin 1992/93, jibda jibdel drastikament il-filosofija politika tiegħu minn waħda predomentement demokristjana u

---

26. Klaus Larres, ed., *A Companion to Europe since 1945*, Wiley Blackwell, Renju Unit, 2009, pp. 286–8.
27. Roger Eatwell, 'The "end of ideology"?', *Contemporary Political Ideologies*, ed. minn R. Eatwell u A. Wright, 2[ni] ed., Pinter, Londra u New York, 279–90. Ara wkoll: Francis Fukuyama, *The End of History and the Last Man*, The Free Press, New York, 1992.

soċjodemokratika[28] għal oħra li kienet xi ftit jew wisq neoliberali.[29] 'Xi ftit jew wisq' għax jidher li l-filosofija politika tiegħu sal-aħħar żammet ċertu skruplu soċjali, ukoll jekk ma kienx prevalenti, skruplu li n-neoliberaliżmu, bl-objettiv ewlieni li jkabbar l-effiċjenza tal-ekonomija tas-suq, ġeneralment m'għandux.[30]

Hu x'inhu, ir-rebħa elettorali ta' Fenech Adami fl-1992 ikkonfermat il-konsolidazzjoni tiegħu kemm fil-gvern u kemm fil-partit, u n-nies tal-kummerċ aktarx bdew jistennew u jitolbu minnu dejjem aktar.[31] Minn madwar l-1993, imma speċjalment wara r-rebħa elettorali tal-1998, Fenech Adami donnu ħassu aktar komdu u determinat li jxidd ħafna mill-apparat demokristjan u, f'aktar sinkronija mad-dinja tal-Unjoni Ewropea, jieħu passi ekonomiċi aktar deċiżi favur is-suq ħieles.[32]

---

28. Eddie Fenech Adami, Eddie: My journey, p. 77. Ara wkoll: PN: Stqarrija ta' Fehmiet Bażiċi, pp. 13–8; u Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà*, parti II, pp. 4–6.
29. John Baldacchino, *Democracy without Confession*, p. 106.
30. Hyunseok Lee, 'Advantages of neoliberalism and how it should be improved', 2011, https://boomingspark.wordpress.com/2011/06/18/term-paper-advantages-of-neoliberalism-and-how-it-should-be-improved/ (aċċessat fit-12 ta' Marzu tal-2017).
31. Andrew Ellul, 'Lil hinn mill-miti tal-privatizzazzjoni u nazzjonalizzazzjoni', *Fl-Antiporta tal-Millennju*, SKS, Malta, pp. 43–6.
32. Josef Bonnici, 'The transformation of the Maltese economy: 1987-2003', f'*Inservi*, pp. 179–98. Bonnici kien il-konsulent ekonomiku fid-Diviżjoni tal-Ippjanar Ekonomiku fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Fenech Adami (1988–92), is-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi (1993–95), u l-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi (1995–96, 1998–2003).




**Eddie jindika lil Mintoff id-direzzjoni ta' Malta lejn il-Komunità Ewropea (illum l-Unjoni Ewropea; hawnhekk imsejħa sempliċiment '*Europe*'), *The Sunday Times of Malta*, 21 ta' Settembru tal-1980, karikatura ta' Maurice Tanti Burlò. F'dak iż-żmien, ftit aktar minn 23 sena qabel is-sħubija fl-Unjoni, Fenech Adami ma setax ikun jaf x'bidla t'ideoloġija għad isseħħ, kemm fl-Unjoni u kemm fil-filosofija politika tiegħu. Nistgħu ngħidu kważi biċ-ċert li Mintoff, li kieku kellu l-opportunità, qatt ma kien jagħmel bidla bħal din, għall-anqas mhux fl-istess direzzjoni Ewropeista neoliberali.**

## Il-prinċipji filosofiċi

1. Dawn il-kunsiderazzjonijiet qishom iġibu fit-tmiem l-ewwel parti tal-kitba li għandna hawnhekk. Fiha qegħidt is-sisien għall-istħarriġ li se nkompli nagħmel issa fuq il-prinċipji filosofiċi tal-politika ta' Fenech Adami. S'issa rajna x'għandna nifhmu b'filosofija politika, qisna x'irrid li speċifikament nifhmu b'ideoloġija u b'utopija, fassalna l-fażijiet tal-karriera

politika ta' Fenech Adami u evalwejna l-proġettazzjonijiet politiċi tiegħu tul dawn il-fażijiet. Imiss issa li nistħarrġu l-prinċipji filosofiċi ta' Fenech Adami.

2. Meta hawnhekk se nitkellem fuq prinċipji se nkun qed nirreferi għal dawk ir-regoli ġenerali tal-ħsieb li, lil hinn miċ-ċirkustanzi differenti taż-żmien, għandhom sehem determinanti fuq id-deċiżjonijiet politiċi ta' bniedem. B'mod aktar speċifiku, se niddiskutu l-objettiv tad-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-proċess li bih l-informazzjoni ppreżentata fi żminijiet differenti kienet mentalment organizzata u pproċessata. Għalkemm, naturalment, dan il-proċess għandu bażi psikoloġika, l-istħarriġ tagħna mhux se jkun wieħed psikoloġiku għax m'aħniex se nidħlu fil-kawzi jew l-għejun emozzjonali tal-proċess. Se jkun wieħed filosofiku għax li jinteressana l-aktar huma l-metodi razzjonali li bihom jidhru li saru d-deċiżjonijiet.

3. Fil-parti ta' qabel għedt li, tul il-karriera politika ta' Fenech Adami, jidher li l-attitudni bażika tiegħu fil-formulazzjoni tad-diversi proposti politiċi li pproġetta matul il-fażijiet differenti kienet ta' natura risponsiva. Evitajt apposta l-kelma 'reazzjonarju' għax din il-kelma tista' timplika xi affarijiet li ma naħsibx li jgħoddu fil-kas tagħna. L-aktar tnejn. Tista' timplika li Fenech Adami seta' kien passatista jew retrograda fil-politika tiegħu. Ma naħsibx li dan nistgħu ngħiduh. Anzi, l-evidenza aktarx turi l-kontra. Għalkemm

kellha xi xejriet tradizzjonalisti, bħall-ideat tiegħu fuq il-familja, ngħidu aħna,[33] b'mod ġenerali l-politika ta' Fenech Adami qatt ma dehret li trid treġġa l-arloġġ lura għal xi sitwazzjoni jew stat tal-imgħoddi, iżda dejjem ħeġġet l-avvanz 'l quddiem lejn l-ideali li pproġetta. It-tieni, il-kelma 'reazzjonarju' tista' timplika wkoll li, bħala politiku nazzjonalista u ta' xejra leminija, Fenech Adami kien konservattiv. Dan seta' b'xi mod jissuġġerixxi li l-objettivi politiċi tiegħu kienu jħaddnu xi ħaġa minn dawk ta' kapijiet oħra tal-istess partit, bħal Borg Olivier, Nerik Mizzi jew anki Fortunat Mizzi. Ma jidhirlix li b'hekk kont inkun ġusti jew korrett, għax il-vantaġġ li Fenech Adami ta lill-klassijiet dominanti fuq oħrajn aktarx diffiċli ssibu bl-istess mod jew għall-anqas bl-istess intensità f'dawn il-kapijiet li semmejna. Barra minn hekk, il-kapijiet l-oħrajn tal-partit ma jidhirx li appellaw, jew kellhom interess jappellaw, għal klassijiet li Fenech Adami daħħal fid-diskors u l-viżjoni inklużivi tiegħu.

Għandu mnejn li l-uniku element li stajt naqbel li nżomm fil-konnotazzjonijiet tal-kelma 'reazzjonarju' kienet tkun biss dik ta' ċerta inflessibbiltà. Din Fenech Adami jidher li wrieha

33. Eddie Fenech Adami, 'It-tfal għandhom jitrabbew fil-familja tradizzjonali', rapportaġġ ta' Catherine Aquilina għal *Newsbook*, www.newsbook.com.mt/artikli/2013/10/24/awdjo:-it-tfal-ghandhom-jitrabbew-fil-familja-tradizzjonali-eddie-fenech-adami.11294/ (aċċessat fis-6 ta' Frar tal-2016).

ħafna drabi, kemm fi ħdan il-partit tiegħu, speċjalment f'mumenti partikularment kritiċi, u kemm bħala Prim Ministru.[34] Din l-inflessibbiltà f'ċerti deċiżjonijiet jew linja t'azzjoni aktarx kienet dovuta għall-fatt li spiss Fenech Adami deher aktar konvint minn oħrajn mil-linja politika li kellu bżonn jieħu, jew ukoll għax spiss kien aktar ċar fil-viżjoni politika li ried isegwi. Seta' kien ukoll lest li jkun aktar riskjuż minn oħrajn fl-azzjonijiet li jipproponi.

4. Huwa għalhekk li evitajt il-kelma 'reazzjonarju' u sejjaħt il-proposti politiċi li pproġetta Fenech Adami bħala risponsivi għax ridt nisħaq fuq aspett ewlieni li dan l-aġġettiv jissuġġerixxi fir-rigward tal-prinċipji filosofiċi. Għandna ninnutaw f'dan l-aspett li, bħala regola ġenerali, kwalunkwe rispons jirregola ruħu l-aktar minn dak li l-aġent ikun irċieva mill-impuls oriġinali. Dan ifisser li l-aġent ikun, f'termini razzjonali, fi stat xi ftit jew wisq passiv, kif fissirt aktar kmieni. Minkejja li għandu mnejn li jkun qed iwieġeb għall-impuls oriġinali b'intelliġenza, kompetenza u immaġinazzjoni, xorta waħda l-inizzjattiva ma tkunx tiegħu, iżda ta' min ikun qed jiddetermina ċ-ċiklu tal-attività, jew, kif għedt aktar 'il fuq, ta' min ikun qed joħloq l-aġenda. F'dan ir-rigward, mill-'**Iskema III**' li rajna nistgħu ninnutaw li, mill-1969 sal-1987 (li

34. Ara: Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, pp. 118, 249.

jikkorrispondu għall-fażijiet 1B sa 2B tal-'**Iskema II**'), kien dejjem Mintoff li deher li qed joħloq l-aġenda politika filwaqt li Fenech Adami kien, min-naħa l-oħra, qed jirrispondi għaliha, ukoll jekk b'inventività, inġenwità u perċettività. Wara l-1987, post Mintoff ħaditu bil-mod il-Komunità Ewropea (fażi 3A) sakemm wara l-1993 ippredominat għal kollox (fażijiet 3B u 3 D). L-utopiji u l-ideoloġiji li Fenech Adami pproġetta, kemm lill-partit u kemm lill-poplu Malti, jidhru li kienu kontraazzjoni għall-proposti, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet ta' dawn it-tnejn (Mintoff u l-Komunità Ewropea). Fi ħsieb Fenech Adami, l-utopija tal-Komunità Ewropea, l-ewwel fil-forma predominantement soċjaldemokratika tagħha, imbagħad f'dik neoliberali, tidher li kienet l-antidotu għal Mintoff u għal dak kollu li dan kien jirrappreżenta.[35] Ukoll meta f'ċerti okkażjonijiet Fenech Adami ħa l-inizzjattiva hu, bħalma se naraw dalwaqt fil-każ ta' sitwazzjonijiet li nvolvew il-vjolenza politika, dan jidher li għamlu biex, fuq il-bażi ta' dinamika prevedibbli, jattiva azzjonijiet mingħand ħaddieħor (Mintoff, imbagħad Karmenu Mifsud Bonnici) li minnhom seta' jieħu xi vantaġġ politiku.

35. Eddie Fenech Adami, 'Soċjetà ta' djalogu u valuri morali', diskors fil-15 ta' Novembru tal-1981 f'mijting tal-massa f'Ħaż-Żabbar, f'*Nagħtik Kelmti: Diskorsi ta' Eddie Fenech Adami*, ed. minn Michael J. Schiavone, vol. 1, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 1983, pp. 72–81.

Biex inkun aktar ċar, dak li rrid ngħid huwa li, jekk kien hemm xi prinċipji filosofiċi involuti fil-formulazzjoni oriġinarja ta' dak li kien qed jiġi propost, dawn ma jidhirx li qatt ġew minn Fenech Adami, imma dejjem minn min kien qed ifassal l-aġenda politika li biha imbagħad ħadem hu.

5. Biex inkomplu nistħarrġu sewwa l-prinċipji filosofiċi ta' Fenech Adami jeħtiġilna nqisu wkoll id-diskors promozzjonali tiegħu. L-ewwel ħaġa li rridu niftakru hawnhekk hija li l-aqwa espressjoni ta' xi pronunzjament artikulat ta' prinċipji filosofiċi kienet saret permezz tal-ktieb imsejjaħ *PN: Stqarrija ta' Fehmiet Bażiċi* fl-1986, li mbagħad sar parti tal-programm elettorali għall-elezzjoni ġenerali tal-1987.[36] Diġà semmejtu aktar 'il fuq. Li m'għedtx hu li dan kien fih innifsu speċi ta' viżjoni politika elaborata. Fih, apparentement għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, il-Partit Nazzjonalista pprova jniżżel iswed fuq l-abjad b'mod ċar u estiż, xi għamla ta' teorizzazzjoni sistematika tat-twemmin tiegħu. Bħala dokument, il-ktieb hu xi ftit eċċezzjonali għax jipprova jmur lil hinn mis-sempliċi stqarrija ta' pożizzjonijiet li fil-punent, mis-seklu 19 'il quddiem, ġeneralment kienu assoċjati max-xejra politika leminija—bħall-istratifikazzjoni soċjali, l-antisoċjaliżmu, il-kapitaliżmu, in-nazzjonaliżmu, il-liġi

36. Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà*, parti II.

naturali, il-valuri tradizzjonali u l-bqija—u joħloq speċi ta' 'kredu'. Dan il-kredu, fl-aħħar mill-aħħar imnebbaħ l-aktar mill-enċiklika tal-1891 *Rerum novarum* tal-Papa Ljun XIII, jidher li kellu jservi ta' stqarrija ta' twemmin komuni li l-lemin Malti seta' jqiegħed fil-bażi tal-ideoloġija Ewropeista tiegħu, kemm f'Malta kif ukoll barra, speċjalment fl-Ewropa. B'hekk aktarx ittama li seta' b'xi mod kunċettwalment jeħodha kontra x-xejra politika xellugija li, partikularment f'Malta, ironikament ukoll fuq il-bażi tar-*Rerum novarum*,[37] mill-bidu nett tagħha dejjem eżistiet id f'id mal-analiżi tal-esperjenza storika.

F'dan id-dokument, għalkemm l-isem min kitbu ma jidher imkien, kien magħruf sew minn kulħadd, ukoll fiż-żmien li ħareġ, li l-awtur tiegħu kien Peter Serracino Inglott, kif eventwalment ammetta hu stess snin wara.[38] Saħansitra d-disinn artistiku tal-produzzjoni, bit-tpinġijiet t'Alfred Chricop b'kollox, kien fl-istil tipiku ta' kotba oħra ta' Serracino Inglott, bħal *Tal-Għaxra u Nofs l-Erwieħ* (1989–91) u *It-Tieni Mewt ta' Lazzru* (1994). Isem Fenech Adami jinġieb biss taħt id-daħla qasira li, mill-istil, il-vokabularju u s-sintassi tagħha, tagħti x'wieħed x'jaħseb li lanqas din il-biċċa ma kien kiteb hu

37. Ara: Giuseppe Mifsud Bonnici u Mark A. Sammut, *Il-Liġi, il-Morali, u r-Raġuni*, Ius Melitae, Kotba-Argo, Malta, 2008, p. 39.
38. Mal-awtur f'djalogu privat.

personalment. Fir-realtà, Fenech Adami qatt ma ppretenda li kellu l-arti tal-kitba. Infatti, ukoll l-awtobijografija tiegħu stess ħallieha għal idejn aktar imħarrġa.[39] Fost il-ftit kliem li fiha din id-daħla, jinġiebu dawn:[40]

> Din l-istqarrija tal-fehmiet bażiċi tal-Partit Nazzjonalista għandha l-iskop ewlieni li sservi bħala karta tal-identità tal-partit. Kultant żmien huwa meħtieġ li ngħidu ċar u tond aħna min aħna u nuru liema huma l-veri fehmiet tagħna jekk mhux għal ħaġ'oħra għaliex l-avversarji tagħna jħobbu wisq ilibbsuna kpiepel li ma jiġuniex u jwaħħlulna tikketti li ma jaqblux ma' dak li tassew fih il-flixkun. F'dawn il-paġni, min irid jista' jara fid-dawl tax-xemx kif inhu tassew magħmul il-wiċċ tal-Partit Nazzjonalista u x'issarraf għal pajjiżna l-ideoloġija demokratika kristjana li aħna nħaddnu.

6. Għal min ma jafx, din il-pubblikazzjoni tal-1986 bil-Malti kienet tinkludi tliet verżjonijiet oħra bl-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż, presumibbilment għax dan il-kredu ma kienx maħsub

39. Kitibhielu Steve Mallia, ta' 43 sena, li kien ilu l-editur ta' *The Sunday Times of Malta* sa mill-2007. Huwa studja l-liġi u l-politika fl-Università ta' Nottingham, l-Ingilterra, u ggradwa bħala avukat ma' waħda mill-assoċjazzjonijiet professjonali tal-avukati f'Londra. Ara: *Eddie: My journey*, p. viii.
40. *PN: Stqarrija ta' Fehmiet Bażiċi*, p. 1.

għall-Maltin biss iżda bħala bandiera għall-barranin ukoll. Wara, fl-1987, dawn il-verżjonijiet ma ġewx inklużi fil-ktieb tal-programm elettorali. Il-kredu kien taħriġ retoriku ammirevoli, fejn il-kelma 'retorika' hawnhekk nużaha f'sens pożittiv biex infisser l-arti tad-diskors effettiv jew persważiv. Bħalma diġà indikajt, il-kredu kien il-quċċata tar-retorika li Fenech Adami kien ilu li b'xi mod beda juża xi ftit jew wisq sa minn madwar l-1977 (ara l-fażi 2A fl-'**Iskema I**' li rajna aktar 'il fuq) u li ċertament intensifikat wara l-1981 (fażi 2B). Madankollu, inqas minn ħames snin biss wara l-ħruġ tal-verżjoni elettorali tiegħu, meta Fenech Adami tela' fil-gvern għat-tieni darba (fażi 3B), minħabba r-raġunijiet li diġà rajna qabel l-istqarrijiet tal-kredu bdew jisfumaw bil-mod il-mod sakemm minflokhom daħal fil-biċċa l-kbira tal-pronunzjamenti pubbliċi diskors ieħor li kien fil-fatt jikkontradixxih, dak tan-neoliberaliżmu.[41]

Dan id-diskors neoliberali kien u għadu fost dawk li donnhom iħeġġu l-kultura politika ta' 'postverità', kif tissejjaħ, jiġifieri waħda li fiha l-istqarrijiet politiċi pubbliċi la jgħidu l-verità u lanqas jigdbu, imma jagħtu interpretazzjoni li tkun

41. Ara: 'Jew jilgħab jew iħassar', editorjal, *In-Nazzjon Tagħna*, 30 ta' Settembru tal-1998, fejn, fost affarijiet oħra, jgħid: "La darba Malta applikat biex tissieħeb fl-UE [Unjoni Ewropea] beda programm ta' ristrutturazzjoni biex il-liġijiet u s-sistemi [finanzjarji] ta' pajjiżna jkunu jaqblu ma' dawk tal-UE. Ristrutturazzjoni li, jekk ridna li nkomplu navvanzaw, xorta kellna nwettqu. Nissieħbu jew ma nisseħbux fl-UE."

maħsuba u maħduma biex tirbaħ l-imħuħ b'appell għall-emozzjonijiet mingħajr ebda rabta konkreta mal-fatti jew mal-linji politiċi aċċettati.[42] Dan it-tip ta' diskors li Fenech Adami bbrilla fih ġie abbandunat minn Alfred Sant bejn l-1996 u l-1998 (fażi 3Ċ), u, wara l-2004, saħansitra jidher li xi ftit jew wisq abbandunah ukoll Lawrence Gonzi. Iżda fl-2008 Joseph Muscat reġa' deher li qabad miegħu u, speċjalment mill-2013 'il quddiem, użah b'effettività saħansitra b'mod aktarx *aqwa* minn Fenech Adami.[43]

Dan kollu għandu jissuġġerielna li, tul l-itinerarju kollu tiegħu, il-filosofija politika ta' Fenech Adami kienet aktar iggwidata mill-ħila tiegħu li jirrispondi b'kreattività għal stimulazzjonijiet kunċettwali esterni milli minn xi regoli ġenerali ta' ħsieb. Fi kliem ieħor, kienet kollha kemm hi politika li ddispensat minn kull mudell ta' normi filosofiċi u dejjem strieħet għal kollox fuq intuwizzjonijiet transjenti okkażjonati skont il-ħtieġa prattika.

7. Dan nistgħu narawh l-aktar mill-ideoloġiji u l-utopiji li pproġetta Fenech Adami tul il-biċċa l-kbira tal-karriera politika

42. Ara: 'Post-truth politics: Art of the lie', leader, *The Economist*, 10 ta' Settembru tal-2016.
43. Joseph Muscat, 'Post-Fordism and political organisation in Malta: A hypothesis', *Revisiting Labour History*, ed. minn J. Chircop, Horizons, Malta, pp. 172–3. Ara wkoll: Joseph Muscat, 'L-Unjoni Ewropea', diskors parlamentari fil-15 t'April tal-2013, f'*Joseph: L-aqwa żmien ta' pajjiżna għadu ġej*, SKS, Malta, pp. 96–8.

tiegħu. Bażikament, l-utopiji li ġew ipproġettati bejn l-1974 u l-2004 kienu tlieta biss. Dan jagħmel sens, għax, bħala ideali kbar li jiggwidaw b'mod ġenerali l-mixja 'l quddiem tal-ħidma politika, l-utopiji aktarx ma jistgħux ikunu ħafna fil-għadd. L-ewwel utopija pproġettata minn Fenech Adami (f'fażi 1Ċ ta' '**Skema III**') kienet tikkonċerna għadd relattivament limitat ħafna ta' nies, u ċjoè dawk biss li kienu midħla tal-ħidma interna tal-partit tiegħu. Madankollu, xorta waħda dan l-ideal jidher li ġie pproġettat bħala wieħed assolutament meħtieġ u ideali, tant li fl-aħħar mill-aħħar anki sewa t-tneħħija prattikament sforzata ta' Borg Olivier. It-tieni utopija, xejn anqas ipproġettata bħala assolutament meħtieġa u ideali, kienet għan-nazzjon kollu, u hawnhekk (fil-fażi 2A) inħolqot l-ideoloġija nazzjonalistika li bdiet tippromovi mudell t'ordni soċjali partikulari li jappella għall-mases.[44] Kien f'dan is-sens li wżat il-kelma 'popolariżmu' fl-'**Iskema III**' (taħt it-tnebbiħ ta' fażi 2A). L-utopija ta' wara (f'fażi 2B) kienet bħal żvilupp ta' din minħabba d-deġenerazzjoni tas-sitwazzjoni politika wara l-elezzjoni tal-1981. L-ideoloġija issa ma baqgħetx sempliċiment dik nazzjonalistika, jiġifieri b'appell għall-valuri tan-nazzjon, iżda saret aktar intensa u urġenti, b'appell għall-

44. Eddie Fenech Adami, 'Partit popolari tal-poplu kollu', diskors fit-18 ta' Diċembru tal-1977 lill-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, il-Pietà, f'*Nagħtik Kelmti*, vol. 1, pp. 17–23.

valuri taċ-ċiviltà. L-aħħar utopija, dik tas-sħubija fil-Komunità Ewropea, flimkien mal-ideoloġija li pproponiet, jiġifieri dik tal-Ewropeiżmu, kienet il-quċċata u t-terminu ta' fejn seta' jmur Fenech Adami bil-proġettazzjonijiet politiċi tiegħu. Kienet, biex nuża' x-xbieha li tajt aktar 'il fuq, l-'għadira' l-kbira li lil hinn minnha ma setax ikun hemm oħra. Li kkoinċidiet mat-tmiem kronoloġiku tal-karriera politika tiegħu kienet kważi kważi ħaġa fortunata.

Li dawn il-proġettazzjonijiet kienu utopiji u mhux sempliċiment ideali kbar għandu joħroġ mill-fatt li aktarx dejjem ġew ippreżentati bħala stati soċjali u politiċi li, fl-immaġinarju kważi perfett tagħhom, kienu lkoll meqjusa meħtieġa u li għalihom il-poplu kellu jinbidel ħalli jiksibhom u jgħix fihom. Dawn l-utopiji lkoll ġew ipproġettati bħala mudelli ideali li għalihom ġie adattat minn Fenech Adami u l-imsieħba ta' madwaru ħsieb sistematiku li kellu jaċċettah kulħadd.

## Ir-relazzjoni mas-setgħa

1. Biex nissoktaw niflu l-prinċipji filosofiċi ta' Fenech Adami jidher xieraq li issa nistħarrġu ftit ir-relazzjoni tiegħu mal-aktar komponent ewlieni tal-proċessi storiċi li politiku jiltaqa' magħhom tul il-karriera politika tiegħu, jiġifieri dik tas-

setgħa politika. F'sens filosofiku, meta nitkellmu fuq is-setgħa politika qed nirreferu speċifikament għall-awtorità eżerċitata fuq il-persuni minn persuni oħra, l-istituzzjonijiet, il-kultura, il-liġi, l-edukazzjoni u l-bqija. Hawnhekk m'għandix l-ispazju, u lanqas m'hu l-lok, li nikteb xi trattat fuq is-setgħa politika. Modestament, dak li se nippruva nagħmel għall-iskopijiet partikulari tagħna huwa li tentattivament nistħarreġ fuq fuq kif Fenech Adami rrelazzjona mas-setgħa politika minn aspett wieħed biss, u ċjoè minn kif ittratta man-nies li kienu fl-ogħla pożizzjonijiet tal-awtorità politika tal-pajjiż, partikularment Borg Olivier, Mintoff u Karmenu Mifsud Bonnici.

2. Għandu mnejn li, minn dawn in-nies kollha, huwa b'Mintoff li għandna nibdew l-ewwel. Għax, kif rajna diġà, kien Mintoff l-element stimulanti ewlieni, mhux sempliċiment *matul* għall-anqas nofs il-karriera politika ta' Fenech Adami (minn madwar l-1969 sa madwar l-1987),[45] iżda aktar u aktar l-element stimulanti ewlieni *tal*-karriera politika nnifisha tiegħu. Il-*persona* politika ta' Fenech Adami tidher li kienet xi ftit jew wisq l-antiteżi ta' Mintoff. Jekk ma kienx eżattament l-oppost tiegħu f'*kull* dettall li jista' jinħaseb jew jiġi studjat, għall-anqas fil-proġettazzjoni pubblika tal-*persona* tiegħu u tat-tattiċi

45. Eddie Fenech Adami, intervista f'*L-Elf Lewn ta' Mintoff*, p. 311.

politiċi tiegħu.[46] Għalkemm din il-propożizzjoni qed nistħarrġuha hawnhekk minn lat wieħed biss, tista' kważi kważi tiġi estiża saħansitra sa fuq il-livell personali taż-żewġ individwi, ħaġa li tkun barra mill-iskop tagħna hawnhekk.

Jekk Fenech Adami kien xi ftit antiteżi wkoll ta' Karmenu Mifsud Bonnici, dan kien biss bi speċi ta' 'estenzjoni', għax Mifsud Bonnici ma jidher li kien biddel prattikament xejn sustanzjali, għall-anqas mil-lat strutturali, mis-sistemi politiċi ta' Mintoff. Minkejja dan, din l-'estenzjoni', biex insejħulha hekk, ta' sentejn u nofs kienet kruċjali, għax ġiet fl-eħrex żmien tal-konfront bejn Fenech Adami u l-gvern Laburista kurrenti. Anzi, biex inpoġġiha aħjar, Mifsud Bonnici (jew, jekk trid, l-*alter*-Mintoff) jidher li kien ta l-okkażjoni lil Fenech Adami biex saħansitra jintensifika t-tattiċi politiċi tiegħu. Dan għax Mifsud Bonnici għandu mnejn kien aktar prevedibbli minn Mintoff minħabba li kien aktar korrett u skrupluż minnu; għaldaqstant, seta' jiġi mmanuvrat aħjar u b'aktar faċilità. Probabbilment, l-aktar inċident sintomatiku ta' dan il-perjodu ta' żmien—qed nitkellmu fuq is-sentejn u nofs ta' bejn tmiem Diċembru tal-1984 u nofs Mejju tal-1987—, li seħħ erbat ijiem biss qabel il-qtil terribbli ta' Raymond Caruana—każ li għadu

46. Ara: Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, p. 57: *"Political nous [...] was becoming an increasingly important ingredient in the make-up of any politician that wanted to take on Mintoff. A better tactical approach."*

sal-lum mistur f'ħafna misteri—kien dak li sar f'Tal-Barrani, iż-Żejtun, fi tmiem Novembru tal-1986. Fi ftit kliem, dak li ġara dak in-nhar kien li żviluppat sitwazzjoni ta' vjolenza fiżika kerha bejn, minn naħa, skwadra speċjali tal-pulizija u ftit partitarji Laburisti ħorox u, min-naħa l-oħra, eluf ta' partitarji Nazzjonalisti, fosthom xi wħud ħorox ukoll.[47] Filwaqt li l-gvern Laburista sostna li miting Nazzjonalista fiż-Żejtun, post meqjus bħala fortizza Laburista, kien att ta' provokazzjoni u, għaldaqstant, kellu d-dmir li jrażżnu, il-Partit Nazzjonalista sostna li kellu d-dritt kostituzzjonali, ikkonfermat mill-qrati, li jsemma' leħnu fejn irid f'pajjiżu.[48] Il-permess tal-pulizija għall-miting għall-ewwel kien ingħata, imbagħad ġie rtirat. Minbarra l-ħafna aspetti tal-każ li jistgħu jiġu studjati għalihom, hawnhekk jinteressana l-aktar il-mod kif Mifsud Bonnici, fil-kariga uffiċjali ta' Prim Ministru, ġie mqiegħed f'sitwazzjoni li minnha ħareġ t'aggressur mill-aktar skorrett u intolleranti.[49] Dan kien wieħed biss, aktarx l-aktar magħruf, fost ħafna każijiet oħrajn fl-istess żmien bl-istess dinamika li se nfisser issa.

3. L-istrateġija ġenerali tat-tinbix politiku hi waħda bi

47. Eddie Fenech Adami, intervista f'*L-Elf Lewn ta' Mintoff*, p. 308.
48. Ara: www.timesofmalta.com/articles/view/20161130/local/30th-anniversary-of-tal-barrani-clashes-today.632408 (aċċessat fl-1 ta' Marzu tal-2017).
49. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, p. 155.

storja qadima u torbot mal-prinċipji filosofiċi li qed nistħarrġu b'mod li, għalkemm hu indirett, jagħti fiżjonomija tattika tanġibbli lill-ideoloġiji u l-utopji pproġettati. Fenech Adami beda jaddottaha mill-oppożizzjoni sa minn ħafna snin qabel l-inċident f'Tal-Barrani, mhux wisq wara l-ħatra tiegħu bħala kap tal-partit fl-1977, iżda l-aktar wara l-elezzjoni tal-1981 u r-riżultat tagħha, meta l-ġustifikazzjoni tagħha dehret aktar plawsibbli, għax kellu l-maġġoranza tal-elettorat warajh mingħajr ma seta' jiggverna minħabba nuqqas ta' siġġijiet fil-parlament.[50] Fost popli u żminijiet oħra, it-tinbix politiku jintlemaħ, ngħidu aħna, fil-ħidmiet ta' Mahatma Gandhi, Martin Luther King u ħafna politiċi oħrajn u movimenti ta' suċċess. Fost ħafna affarijiet oħra, il-kunċett fundamentali tiegħu, partikularment meta wżat minn nies fl-oppożizzjoni jew f'minoranza, jimplika l-ħolqien ta' sitwazzjonijiet li jwasslu biex joħorġu aktar il-karattru u l-attitudnijiet tal-awtorità kurrenti. Dan il-kunċett bosta drabi tħaddem mill-qrib ma' ieħor li spiss jiġi mfixkel miegħu jew jitqies sinonimu għalih, u ċjoè dak tad-diżubbidjenza ċivili. Niftakru li, bejn l-1981 u l-1987, Fenech Adami ovvjament qatt ma sejjaħ l-azzjonijiet politiċi li organizza bit-termini 'tinbix politiku' u wisq anqas 'provokazzjoni politika'. Dan aktarx minħabba l-konnotazzjoni

---

50. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, p. 95.

negattiva tagħhom. Dejjem uża t-termini aktar konġenjali ta' 'diżubbidjenza ċivili', li implikaw iċ-ċaħda li jiġu obduti l-liġijiet, it-talbiet jew l-ordnijiet meqjusa inġusti ta' xi awtorità, jew għax l-awtorità nnifisha tqieset illeċita.

Il-fasla analitika taż-żewġ kunċetti aktarx għandha turina li kien hemm mill-anqas żewġ kurrenti ta' ħsieb jaħdmu f'ħin wieħed fl-istrateġija ta' Fenech Adami. Waħda kienet dik tal-inġustizzja. Din ovvjament ġiet mill-konvinzjoni tiegħu li, minkejja li l-Partit Laburista kellu, wara l-elezzjoni tal-1981, il-ġustifikazzjoni kostituzzjonali biex jigverna, ma kellux għaliha l-ġustifikazzjoni morali wkoll. Kemm din il-pożizzjoni kienet difensibbli moralment—peress li ma kellhiex bażi legali—hu kwestjonabbli. It-tieni kurrent ta' ħsieb kien dak tal-vjolenza fiżika. Din ġiet mill-osservazzjoni fattwali ta' tliet elementi relatati. Waħda, l-osservazzjoni tal-aġir ta' ċerti ċorom relattivament żgħar ta' nies fil-Partit Laburista li kellhom attitudnijiet aggessivi, l-istess bħalma kien jeżisti, f'għadd relattivament żgħir ukoll, fil-Partit Nazzjonalista sa minn qabel il-ħatra ta' Fenech Adami fl-1977.[51] It-tieni, l-osservazzjoni tal-fatt li ċ-ċorom Laburisti kienu jħossu li għandhom jieħdu fuq spallejhom, aktarx voluntarjament, ir-responsabbiltà li jeżerċitaw saħħa extraparlamentari favur l-hekk imsejħa 'klassi

51. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, pp. 104, 178. Ara wkoll: Eddie Fenech Adami, intervista f'*L-Elf Lewn ta' Mintoff*, p. 307.

tal-ħaddiema',[52] l-istess bħalma dawk Nazzjonalisti kienu jassumu responsabbiltà simili fir-rigward tal-partit tagħhom. It-tielet—u forsi dan kien l-aktar elementi kruċjali daqskemm distintiv fi ħdan il-Partit Laburista—l-osservazzjoni tal-fatt li ċ-ċorom tal-partit, dawk Laburisti aktar minn dawk Nazzjonalisti, kienu xi ftit jew wisq intilfu minn taħt il-kontroll tal-mexxejja tal-partit jew għall-anqas ma ġewx ikkontrollati biżżejjed. Għaldaqstant, kienu aktar prevedibbli fir-rispons tagħhom u, konsegwentement, aktar suxxettibbli għat-tinbix.[53]

B'astuzja fina u perspikaċja, Fenech Adami għaraf juża l-pretest tal-inġustizzja *flimkien* ma' dik tal-assigurazzjoni tal-vjolenza Laburista biex ikabbar u jseddaq l-axxendenza u s-saħħa morali tiegħu u jittraduċihom b'suċċess f'setgħa politika, għall-ewwel informali, imbagħad formali.[54] Dan dejjem bis-sħubija tad-diskors demokristjan li semmejna aktar 'il fuq. B'dan il-mod, Fenech Adami saħaq fuq l-immaġinarju li, mhux biss il-partit tiegħu, iżda wkoll il-pajjiż, kienu saru l-vittmi ta' gvern aggressur. Terġa' u tgħid, wara l-attakk deplorevoli fuq daru f'Ottubru tal-1979, dan l-immaġinarju ġie estiż għalih

52. Sammy Meilaq, *Biċċiet Minni*, Malta, 2013, pp. 110–3.
53. Mark Camilleri, *Il-Ħelsien: Il-mixja lejn il-31 ta' Marzu tal-1979*, SKS, Malta, p. 145.
54. Ara: 'The most tragic forthnight for Malta's democracy', f'eddiefenechadami.org/video/mass-meeting-granaries-floriana-14th-december-1986/ (aċċessat fl-14 ta' Lulju tal-2017).

personalment f'termini kważi messjaniċi b'tali mod li beda jidher li kien bħallikieku xi 'salvatur' tal-pajjiż, titlu li sa dak il-mument kien assoċjat biss ma' Mintoff tas-sebgħinijiet. B'hekk, il-qawwa ta' dan l-immaġinarju sar b'daqshekk aktar konvinċenti minn qabel.[55]

4. Qabel dan kollu, fi ħdan il-partit tiegħu Fenech Adami jidher li uża tattiċi differenti fir-relazzjoni tiegħu mas-setgħa pubblika. L-istrateġija ġenerali kienet t'oppożizzjoni għat-tmexxija ta' Borg Olivier, l-aktar għaliex dan beda aktarx jidher dejjem aktar antikwat politikament u nieqes mill-forza u r-rieda biex jippromovi riforma għall-bini ta' partit modern. Din l-oppożizzjoni, speċjalment minn qabel l-elezzjoni tal-1971 sa tmiem l-1974, kienet ta' natura aktarx insinwanti,[56] imbagħad, minn tmiem l-1974 sa nofs l-1977, saret ta' natura aktar insidjuża[57] li, effettivament, ġabet ir-riżultat mixtieq, it-tneħħija ta' Borg Olivier minn kap tal-partit u l-ħatra ta'

55. Eddie Fenech Adami, 'Din hi s-siegħa tal-Maltin', diskors fil-11 ta' Ġunju tal-1982 fuq il-Fosos tal-Furjana, f'*Nagħtik Kelmti*, vol. 2, ed. minn Michael J. Schiavone, vol. 2, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 1983, pp. 9–19. Ara wkoll: Eddie Fenech Adama, 'Biex jeqirdu lilna jridu jeqirdu lil Malta', diskors fis-27 ta' Diċembru tal-1982 lill-Kunsill Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, il-Pietà, f'*Nagħtik Kelmti*, vol. 3, ed. minn Michael J. Schiavone, vol. 2, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 1990, pp. 67-85; u Eddie Fenech Adami, 'Tkompli l-ġlieda għad-demokrazija vera', diskors fit-13 ta' Marzu tal-1983 f'mijting tal-massa fuq il-Fosos tal-Furjana, f'*Nagħtik Kelmti*, vol. 4, ed. minn Michael J. Schiavone, vol. 2, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 1991, pp. 35–53.
56. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, pp. 37, 38.
57. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, pp. 38, 42, 60, 62.

Fenech Adami minfloku.[58]

5. Mil-lat tal-Knisja Kattolika Maltija, din ma fixklet xejn lil Fenech Adami fir-relazzjoni tiegħu mas-setgħa pubblika.[59] Sakemm Fenech Adami wasal biex ħa l-gvern fl-1987, il-Knisja kienet diġà tilfet il-biċċa l-kbira mill-awtorità morali li kellha qabel u l-periklu potenzjali tagħha bħala forza politika kienet naqset bil-kbir. Din l-awtorità kienet ilha tidbiel sa mill-Indipendenza u, b'Ġużeppi Mercieca bħala Arċisqof, jiġifieri mill-1976 'l quddiem, kompliet tmajna dejjem aktar, sakemm fis-snin disgħin u l-bidu tas-seklu 21 bħala forza politika sparixxiet kważi għal kollox.[60] Flimkien mad-diffidenza qawwija tiegħu ta' Mintoff u Karmenu Mifsud Bonnici, u ta' kull politika Laburista b'mod ġenerali, l-interessi predominantement temporali tal-Arċisqof Mercieca—li Fenech Adami kellu l-impressjoni li kien *'furbo'* (stuż)[61]—akkomodaw tajjeb l-interessi predominantement neoliberali ta' Fenech Adami wara l-1993.[62] Inkapaċi li kritikament janalizza l-proċess storiku kurrenti, Mercieca kien strumentali biex

58. Sergio Grech, *It-Tabib Sandy: Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit*, Kite, Malta, 2013, pp. 202–4, 208–9.
59. Eddie Fenech Adami, *Eddie: My journey*, pp. 145, 147.
60. Emanuel P. Delia, *Evaluating Malta's Political Economy*, APS Bank Publication, Malta, 2017, pp. 171–2.
61. Eddie Fenech Adami f'programm televiżiv tas-29 ta' Settembru tal-2014, minn traskrizzjoni sħiħa f'*Ġużeppi Mercieca: Ragħaj għal kull staġun* ta' Charles Buttigieg, Klabb Kotba Maltin, Malta, 2017, p. 626.
62. Ngħidu aħna, ara t-trattament tal-gvern Nazzjonalista mal-Knisja fl-1987 f'*Ġużeppi Mercieca* ta' Charles Buttigieg, pp. 337–9.

jaġevola t-tendenza soċjali u politika li kompliet tirrendi l-Knisja irrelevanti fis-soċjetà Maltija. Minkejja d-diżgwid serju li jidher li kellhom bejniethom minn wara l-kwinti fi żmien it-taħdidiet fuq il-proprjetà tal-Knisja, jiġifieri bejn l-1987 u l-1991,[63] fid-deher kemm Mercieca u kemm Fenech Adami dejjem fittxew li jsalvaw l-apparenza li kienu jaraw għajn m'għajn. B'eċċezzjonijiet 'l hawn u 'l hinn,[64] sa ċertu punt irnexxielhom. Sadattant, mingħajr ma nidħlu f'ebda dettalji, il-Knisja kompliet titlef, flimkien mar-reliġjon b'mod ġenerali, l-appell pubbliku tagħha kollu u ssir affari privata t'għadd dejjem inqas ta' nies. Fis-snin ta' wara Fenech Adami, is-suċċessuri ta' Mercieca, l-arċisfqijiet Pawlu Cremona u Charles Scicluna, ma kinux kapaċi jibdlu din it-tendenza.

## Għeluq tentattiv: ftit riflessjonijiet

1. Dak li ppruvajt nagħmel b'dak kollu li għedt hawn fuq kien li nistħarreġ fuq fuq x'tifsira seta' kellha l-fiżjonomija politika ta' Fenech Adami bit-tama li possibbilment nifhmu aħjar il-mixja storika tan-nazzjon tul l-aħħar kwart tas-seklu li

63. Xhieda tal-awtur innifsu bħala l-president tal-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tat-Teoloġija (TSA) fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta. Għall-isfond, ara: Charles Buttigieg, *Ġużeppi Mercieca*, pp. 340, 341–2.
64. Bħala idea, qis il-konfront pubbliku tagħhom fl-1993 f'rabta mat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Charles Buttigieg, *Ġużeppi Mercieca*, pp. 398-402.

għadda. La nażżarda ngħid li kont eżawrit fl-istħarriġ tiegħi u wisq anqas nippreżumi li tiegħi hi l-aħħar kelma jew li għedt hu assolutament definittiv. Dan l-istudju tentattiv tiegħi żgur li jista' jiġi mtejjeb b'stħarriġ ekonomiku aktar empiriku u wkoll minn lati ta' studji oħrajn li jien ma qistx. Dan kien jeħodli ħafna aktar fit-tul u kellu mnejn itellifna milli niffokaw biżżejjed fuq is-suġġett li għażilt.

Mill-bqija ma baqagħlix issa għajr li nislet xi ideat tal-aħħar, uħud fost oħrajn li jistgħu jsiru, ħalli jkunu jistgħu jservuna ta' riflessjonijiet ġenerali. Kull waħda minn dawn ir-riflessjonijiet żgur li tenħtieġ aktar stħarriġ u żvilupp. Madankollu, qed nipproponihom hawnhekk, ukoll jekk fil-qosor, bħala tinbix għall-ħsieb. Se nagħmel dan f'sitt partijiet ewlenin, l-ewwel tlieta tagħhom fuq il-filosofija politika ta' Fenech Adami, u l-aħħar tlieta fuq il-personalità politika tiegħu, b'xi ftit indikazzjonijiet fuq dak li jidhirli ġara wara sal-lum fix-xena politika.

2. L-ewwel riflessjoni aktarx għandha tkun fuq il-ġustizzja. L-għajta l-kbira tul il-kampanja ta' reżistenza li organizza Fenech Adami wara l-elezzjoni tal-1981 sakemm kiseb il-gvern fl-1987, u anki wara, kienet l-aktar fuq din, il-ġustizzja.[65] Sal-lum għadu jingħad minn xi wħud li f'dak iż-żmien l-inġustizzja

65. Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà*, parti III, pp. 30–3.

kienet saret istituzzjonalizzata, u l-gvern il-ġdid ta' Fenech Adami kien se jrodd lill-ġustizzja l-post li kien jixirqilha f'pajjiż ċivilizzat bħal tagħna. Kulmin f'dak iż-żmien kellu fiduċja f'Fenech Adami dan kien jemmnu mingħajr l-iċken dell ta' dubju, u ma kellux għalfejn jiddubitah, għax il-'fehmiet bażiċi' demokristjani, li sa dak iż-żmien kienu għadhom jixxejru bħal bandiera u mdaħħlin bħala parti integrali mill-programm elettorali, kienu jiggarantuh mija fil-mija. Sa ħames snin u nofs wara, però, jiġifieri minn wara r-rebħa elettorali tal-1992 'il quddiem, il-poplu beda sistematikament jiġi ffaċċjat bil-preskrizzjonijiet tan-neoliberaliżmu f'kontradizzjoni kemm mal-'fehmiet bażiċi', kif ukoll mal-programm elettorali tal-1992, imsejjaħ *Solidarjetà dejjem ... kullimkien*,[66] preskrizzjonijiet li aktarx ħejjew it-triq għar-rebħa elettorali ta' Alfred Sant fl-1997. Flimkien ma' ħafna affarijiet oħra, f'din l-ekonomija l-ġdida tal-affarijiet il-ġustizzja saret sempliċiment kommodità oħra, prodott li l-valur tiegħu jiġi ffissat skont il-ħtieġa u saħansitra skont il-kapriċċ, ngħidu aħna fil-qrati mod u fid-distribuzzjoni tal-ġid nazzjonali mod ieħor. Għaldaqstant, bħala kommodità oħra, il-ġustizzja saret oġġett maqtugħ mir-rabta l-aktar bażika tagħha, u ċjoè mir-relazzjonijiet ta' bejn in-

66. Partit Nazzjonalista, *Solidarjetà dejjem ... kullimkien*, programm elettorali, Malta, 1992, partikularment il-partijiet 1.1 ('Pajjiżna: Impriża parteċipattiva'), 6.1 ('Wens u sedqa'), 7.1 ('Skop ġenerali [tal-ħidma ekonomika]' u 7.2 ('Żvilupp uman').

nies. Teknikament, dan il-proċess jista' b'xi mod jiġi rrelatat ma' dik li tissejjaħ 'reifikazzjoni', jiġifieri 'tibdel f'ħaġa' (mill-Ġermaniż *verdinglichung*, tibdel, u l-Latin *res*, ħaġa). Huwa proċess li għandu jġegħilna nitħassbu jekk kienx tabilħaqq il-każ li l-ġustizzja, fost ħafna affarijiet oħra ta' siwi għall-poplu, ġietx irrestawrata jew jekk, fil-fatt, f'sens aktar ħolistiku, ġietx irrovinata. Dan għax l-appell u l-applikazzjoni *universali* tagħha prattikament sparixxew u, bħal ħafna affarijiet oħra, saret qisha xi ħaġa li għandha tinteressa lil nies jew gruppi partikulari skont il-ħtiġijiet jew ix-xewqat dejqa tagħhom.

3. Riflessjoni oħra li nistgħu nagħmlu hi fuq il-libertà. Din ukoll kienet parti essenzjali mill-għajta l-kbira, 'Xogħol, ġustizzja, libertà', tal-Partit Nazzjonalista fil-kampanja elettorali tal-1987.[67] Għadu llum jingħad ukoll minn xi wħud li, fi żmien il-gvernijiet ta' Mintoff, inkluż dak ta' Mifsud Bonnici, Malta kienet spiċċat stat totalitarju, u li d-demokrazija ġiet irrestawrata minn Fenech Adami u sħabu. Bħala eżempju ta' dan, isostnu li f'dak iż-żmien ta' totalitariżmu ma kienx hawn il-libertà tal-għażla u lanqas il-libertà tal-espressjoni. Mingħajr ma bl-iċken mod nipprova nissuġġerixxi li fi żmien Mintoff kollox kien ward u zahar—altru!—jidhirli li jeħtieġ li nżommu f'moħħna tliet affarijiet essenzjali f'dan ir-rigward. L-

---

67. Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà*, parti I.

ewwel fuq il-libertà tal-għażla. Qabel kollox, il-libertà tal-għażla għandha tinftiehem bħala l-possibbiltà li l-poplu jkollu kontroll tad-destin tiegħu lil hinn, fost affarijiet oħra, mill-mekkaniżmi għamja tas-suq ħieles u tal-istituzzjonijiet li jaġevolewhom. Imma hu proprju n-neoliberaliżmu, permezz ta' kif żviluppaw istituzzjonijiet bħall-Komunità Ewropea wara l-waqa' tal-Unjoni Sovjetika, li fil-fatt ixejnu din il-libertà tal-għażla. Dawn ma daħħalhomx Mintoff, imma Fenech Adami.

It-tieni fuq it-totalitariżmu. B'totalitariżmu nifhmu primarjament il-ħakma ta' sistema riġida t'ideat fuq il-ħsieb u l-ħajja tal-poplu, jew aħjar l-impożizzjoni t'ideat li, f'termini soċjali u kulturali, ma jħallu ebda lok għal dissens jew differenzi. Issa dan hu li jagħmlu l-ideoloġiji, jittotalizzaw kollox, u xejn anqas l-ideoloġija Ewropeista, aktar u aktar meta mehmuża ma' dik neoliberali. Imma dawn mhux fi żmien Mintoff bdew jaħkmu fuqna, jiġifieri qabel l-1984, jew ukoll qabel l-1987, imma wara l-1993.

Fl-aħħar fuq il-libertà tal-espressjoni. Hu evidenti li din tmur xi ftit jew wisq id f'id ma' dak li għedna fuq il-libertà tal-għażla u fuq it-totalitariżmu fiż-żewġ punti ta' qabel. Għax bniedem isemma' leħnu biex jingħata widen ħalli jinbidlu l-affarijiet. Imma n-neoliberaliżmu, ukoll jekk jagħti l-impressjoni, bħal ħafna impressjonijiet foloz oħra, li jirrispetta l-libertà tal-espressjoni, u saħansitra jħeġġiġha, fir-realtà ma

jibdel qatt xejn jekk mhux skont ma jaqbel lilu nnifsu u skont ma jivvantaġġja l-ħakma akbar tas-suq ħieles.[68] Tassew li ċ-ċaħda formali tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, bħal bis-soppressjoni tal-gazzetti, ngħidu aħna, l-imblokkar tal-internet u l-bqija, hi aktar impressjonanti. Madankollu, ir-riżultat tagħha huwa l-istess bħal ta' meta tħalli 'l-kulħadd iparla mingħajr ma tagħtihom l-iċken widen. Din tal-aħħar, bħal fil-biċċa l-kbira ta' dak li jagħmel in-neoliberaliżmu kulturalment, issalva l-apparenzi mingħajr ma ssalva s-sustanza.

4. It-tielet riflessjoni: fuq ix-xogħol; it-tielet element fl-għajta tas-slogan emblematika tal-1987.[69] L-għajta f'dak iż-żmien kienet ċertament tinftiehem f'termini t'impjiegi u ta' kemm setgħu jinħolqu minnhom fl-aqsar żmien possibbli. Aktarx ftit kienu dawk li kienu jmorru lil hinn minn dan u jippruvaw jilmħu l-aspett tax-xogħol bħala proċess ta' kuxjentizzazzjoni, kif se nuri, fuq il-qagħda soċjali u ekonomika tal-poplu, li tiegħu l-impjieg kien wieħed biss mill-elementi kostituttivi. Ovvjament, il-ħolqien tal-impjiegi minn dejjem kien fundamentali f'kull politika governattiva, iżda mhux l-istess jista' jingħad fuq dan bħala parti minn dak li n-

---

68. Ara Mario Vella, 'Stark dissonance: Making a virtue out of uncertainty in the new spirit of capitalism', *A Philosopher at Large: Essays commemorating Peter Serracino Inglott*, ed. minn Jean Buttigieg, Jean-Paul De Lucca u Claude Mangion, Book Distributors Limited, Malta, 2013, pp. 91–105, partikularment pp. 102–3.
69. Partit Nazzjonalista, *Xogħol, Ġustizzja, Libertà*, parti III, pp. 60–6.

nies jaħsbu fuqhom infushom bħala parti mill-fasla politika, jiġifieri x'identità politika ħasbu li kellhom. Teknikament, din tissejjaħ 'kuxjentizzazzjoni', li tindika x'jaħseb il-poplu fuq il-ħajja, is-setgħa politika u fuqu nnifsu. Mintoff, ngħidu aħna,ipprova jnebbaħ il-filosofija popolari li l-impjiegi kienu parti mill-isforz kollettiv tan-nazzjon kollu; li l-pajjiż kien miexi 'l quddiem bil-ħidma ta' kull ċittadin, mill-kbir saż-żgħir, inkluż minn min l-'impjieg' tiegħu ma kienx salarjat, bħan-nisa tad-dar, ngħidu aħna, u l-persuni li kienu jibqgħu d-dar jieħdu ħsieb l-anzjani tagħhom. Iżda wara l-1992, il-filosofija neoliberali tidher li ħolqot għarfien falz f'dak li l-poplu ħaseb dwaru nnifsu politikament. Din kienet 'kuxjentizzazzjoni falza',[70] jiġifieri politikament in-nies mingħalihom li kienu ħaġa filwaqt li fir-realtà kienu ħaġ'oħra; ġew imġiegħla jaħsbu li kienu ħielsa f'pajjiż t'opportunitajiet indaqs għal kulħadd meta fil-fatt huma u xortihom kienu nħakmu mis-sistemi għomja tas-suq ħieles. Filwaqt li n-nies ġew imħeġġa biex jaħdmu u jġemmgħu kemm felħu—u dan il-biċċa l-kbira tan-nies dehru kuntenti li jaċċettawh pożittivament—iddaħħlu fil-pajjiż sistemi ġodda, ħafna drabi moħbija jew travestiti, li setgħu biss jivvantaġġjaw lil xi wħud askapitu t'oħrajn. Għaldaqstant, waqt li d-diskors pubbliku kien

70. Fuq dan, ara, ngħidu aħna: Guenter Lewy, *False Consciousness: An essay on mystification*, Routledge, Oxford, [1982] 2017.

razzjonalizzazzjoni sħiħa idealistika u altruwista, fir-realtà s-sistema saret nasba għal skjavitù modern u faqar ġdid.

5. F'dan kollu, Fenech Adami kien evidentement qed jipproġetta utopija fis-sens li tkellimna fuqu aktar 'il fuq. Jidher li għamel dan fuq il-bażi tal-ideoloġija Ewropea neoliberali, li ħalliha xi ftit jew wisq tikkmandah waqt li l-ekonomija żifnet għad-daqqa tas-suq.[71] Għalkemm dan diġà tkellimt fuqu, f'din ir-riflessjoni konklużiva, l-ewwel mill-aħħar tlieta, bih ridt nagħmel malajr taħriġ komparattiv bejn il-gvernijiet li kellna mill-Indipendenza 'l hawn. Jekk nistħarrġu sew dal-gvernijiet, għandna ninnutaw li kien, fil-fatt, il-gvern ta' Fenech Adami, bl-'estensjoni' tiegħu b'Lawrence Gonzi b'kollox, l-ewwel wieħed li għamel mill-filosofija politika tiegħu proġettazzjoni utopistika u ideoloġika sħiħa. Qablu, la Borg Olivier, u wisq anqas Mintoff, inkluż bl-'estensjoni' ta' Karmenu Mifsud Bonnici, ma jidher li kienu għamlu ħaġa bħal din. Lanqas ma kien għamilha Alfred Sant li, filwaqt li ma jistax jitqies bħala estensjoni ta' Mintoff jew ta' Mifsud Bonnici, ipprova jdaħħal politika li tmur lil hinn minn kull utopija jew ideoloġija. Bħalma nafu, dan ma rnexxilux jagħmlu minħabba l-perjodu qasir wisq fit-tmexxija governattiva. Ironikament, il-linja li

71. Ara: Aaron G. Grech, *TheEvolution of the Maltese Economy since Independence*, Bank Ċentrali ta' Malta, Malta, 2015, partikularment pp. 9–12.

Fenech Adami kellu jaddotta minħabba l-bidliet fix-xena internazzjonali, partikularment tal-Unjoni Ewropea, jidher li reġa' qabadha Joseph Muscat b'għażla xi ftit jew wisq ħielsa.[72] 'Ironikament' għax wieħed aktarx jistenna li gvern Laburista ikun jikkontrasta ma' wieħed Nazzjonalista; iżda ma jidhirx li ġara hekk, anzi jidher il-kontra, u bil-kontra sew.[73] Għandu mnejn kien għalhekk li Muscat irnexxielu jegħleb lin-Nazzjonalisti b'mod daqshekk spettakulari f'żewġ elezzjonijiet konsekuttivi, fl-2013 u aktar fl-2017, proprju għax jidher li ħaddem verżjoni mtejba, intensifikata u amplifikata tal-filosofija politika ta' Fenech Adami.[74] Minn dak li għedna aktar 'il fuq, kemm dan fl-aħħar mill-aħħar jista' jitqies bħala suċċess hu tabilħaqq kwestjonabbli. Jibqa' l-fatt li, f'dan il-kuntest, storikament Joseph Muscat aktarx jista' jitqies l-akbar kisba ta' Fenech Adami.[75]

---

72. John Baldacchino, *Democracy without Confession*, pp. 60–1.
73. Ara: Joseph Muscat, 'Malta miftuħa għall-kummerċ', diskors lill-membri tal-kumpanija Ernst Young f'Londra fl-24 ta' Frar tal-2015, f'*Joseph: L-aqwa żmien ta' pajjiżna għadu ġej*, pp. 209–14, fejn, fost affarijiet oħra, qal hekk: *"We at the southernmost tip of Europe have paved our own third way. Quite simply, we put both our businesses and our people to work – in equal measure and with equal enthusiasm and drive. Our economic strategy is a mix of adaptability, innovation, competitiveness and flexibility. For us, 'Malta: Open for Business' is not just the name of a seminar. Since I became prime minister, it has been the compass by which we guided the ship of state."*
74. Mark Camilleri, *From Colonialism to Mintoffianism*, Malta, 2012, pp. 215–7.
75. Qabbel mal-kumment fl-2002 ta' Margaret Thatcher fuq Tony Blair u n-*New Labour* Britanniku. Ara: conservativehome.blogs.com/centreright/ 2008/04/making-history.html (aċċessat fit-30 ta' Ġunju tal-2017).

6. Dan iwassalni biex, bħala t-tieni mill-aħħar tliet riflessjonijiet tiegħi, nitwebbel b'taħriġ komparattiv ieħor li wieħed jista' jsibu interessanti jew, jekk irid, jarmih. Huwa fuq il-personalitajiet f'ras il-gvernijiet ewlenin li kellna mill-Indipendenza 'l quddiem (mingħajr l-'estensjonijiet'), jiġifieri Borg Olivier, Mintoff, Fenech Adami u Muscat. Jekk wieħed iqis sewwa l-personalità politika ta' kull wieħed minn dawn għandu mnejn jintebaħ li lkoll, barra wieħed, kienu manifestament prodott kulturali ta' żmienhom. L-eċċezzjoni jidher li kien Fenech Adami. Dan donnu għandu jitqies aktar bħala prodott psikoloġiku milli kulturali. X'irrid ngħid b'dan? Kull wieħed bil-mod tagħhom, kemm Borg Olivier, kemm Mintoff, kif ukoll Muscat, donnhom kienu espressjonijiet storiċi ta' fenomeni soċjali u kulturali. Qisu ż-żmien, bil-kumplessitajiet u l-kontradizzjonijiet kollha tiegħu, kien immatura sal-punt ta' ħtieġa għal personalità bħal tagħhom, kull wieħed f'ħinu. Iżda fil-każ ta' Fenech Adami, ma jidhirx li ġara hekk. Pjuttost jidher li dak li 'mmatura' kien Mintoff, mhux iż-żmien, speċjalment wara l-1971. 'Immatura' mhux bħala persuna individwali, iżda bħala persuna politika, jiġifieri bħala rappreżentazzjoni simbolika u istituzzjonali, fi ħdan l-immaġinarju politiku. Infatti, dak li aktarx tabilħaqq jiftaħ ktieb lil Fenech Adami għall-iskrutinju mill-qrib, mhumiex tant il-fenomeni ta' kultura daqskemm l-esperjenzi individwali u

eżistenzjali tiegħu nnifsu, speċjalment qabel l-1992. Jekk dan hu minnu, għandu mnejn inkunu qed nagħmlu żball ta' kategoriji jekk, fl-istħarriġ tagħna biex nifhmu ż-żminijiet tal-istorja reċenti tagħna, inħalltu l-prodotti kulturali ma' dawk psikoloġiċi.

7. Dan iġibna għar-riflessjoni tal-aħħar nett, li hija fuq ir-rabta psikoloġika ta' Fenech Adami ma' Mintoff, u r-rabta storika ta' Mintoff ma' Fenech Adami. Ibda biex, għandu jidher biżżejjed evidenti minn ħarsa ħafifa storika li Mintoff mingħajr Fenech Adami jagħmel sens perfett, iżda mhux Fenech Adami mingħajr Mintoff. Mhux biss l-istorja ta' Fenech Adami ma tistax tingħad mingħajr Mintoff, iżda saħansitra jkollna nistqarru, kif fissirt aktar 'il fuq, li Fenech Adami kien l-antiteżi ta' Mintoff. Tabilħaqq, Fenech Adami beda żmien ġdid, era ġdida, fl-istorja politika ta' pajjiżna, speċjalment wara l-1992. Bl-ideoloġija Ewropeista predominantement neoliberali li ħaddan, huwa biddel għal kollox mhux biss l-i*spectrum* politiku u l-lingwaġġ politiku, iżda wkoll il-fiżjonomija kulturali tan-nazzjon. Għal Fenech Adami, Mintoff jidher li kien ossessjoni u inkubu, iżda wkoll, fl-istess ħin, katalist u opportunità. Minkejja li l-filosofija politika ta' Fenech Adami, speċjalment dik tal-bidu, tidher li kienet assorbita u infuża minn elementi li kollha kemm huma oriġinaw minn Mintoff, huwa aktarx kien jirrappreżenta l-aqwa

żvilupp li Mintoff seta' jagħmel fid-dinja l-ġdida li nħolqot wara l-waqa' tal-Unjoni Sovjetika, it-tmiem tal-Gwerra l-Bierda u l-firxa globalizzata tas-suq ħieles.[76] Dan għandu mnejn jurina għala, filwaqt li l-filosofija politika ta' Mintoff kienet xi ftit jew wisq iggwidata minn ċerti prinċipji filosofiċi li ssawwru mill-formazzjoni kulturali, intellettwali u akkademika tiegħu,[77] dik ta' Fenech Adami ma kinetx, proprju għax, fil-biċċa l-kbira tagħha, ma ħadmitx bl-impetu tagħha nnifisha daqskemm b'dak tan-nemesi tagħha. Tant hu hekk li nistgħu nagħlqu b'ċerta kunfidenza li, storikament, Fenech Adami kien l-akbar kisba tal-Perit Mintoff.

Dawk il-folol kbar miġburin Ta' Qali f'dik l-imbiegħda rebbiegħa tal-1987 kienu xi ftit jew wisq konxji li kienu b'xi mod qed jagħmlu parti minn biċċa storja nazzjonali li kienet qed tiżviluppa waqt li jgħixuha. Bħal dak il-mument kellhom jiġi bosta oħrajn matul is-snin, bħalma kien hemm bosta oħrajn fl-imgħoddi, ilkoll mimlijin tifsir u emozzjoni. Madankollu, dak in-nhar il-folol, flimkien mal-mexxej tagħhom, ma setgħux ikunu konxji għal kollox li kellhom jgħaddu minn mogħdija

76. Dominic Fenech, 'Labour's ideology and the dilemmas of adapting: An essay', *Revisiting Labour History*, ed. minn J. Chircop, Horizons, Malta, pp. 347–9.
77. Mark Montebello, 'Il-filosofija politika ta' Mintoff', *Duminku Mintoff: Bejn storja u miti*, ed. minn Sergio Grech, Horizons, Malta, 2012, pp. 103–140.

politika li, fi ftit snin, waqt li d-dinja tal-madwar ħadet xejra oħra, kienet se ttemm era politika twila daqskemm kruċjali u tibda oħra ferm differenti minnha. Ir-regoli tal-logħba politika kienu għoddhom waslu biex jinbidlu mill-qiegħ daqskemm il-prinċipji filosofiċi tagħhom. S'issa, għat-tajjeb jew għall-ħażin, il-ġodda għadna ma nafux fejn se jwassluna. Xi darba naraw.



# Il-Filosofija Politika ta' Eddie Fenech Adami

**huwa studju oriġinali u xjentifiku fuq l-elementi ewlenin li kkaratterizzaw ix-xejriet politiċi ta' Eddie Fenech Adami qabel u matul iż-żmien li għamel imexxi l-istat Malti bħala Prim Ministru.**

**L-istudju jagħmel dan fil-kuntest tal-karriera politika kollha ta' Fenech Adami u jistħarreġ jekk, tabilħaqq, Fenech Adami kellux filosofija identifikabbli li tiddistingwih.**

**Dan ix-xogħol joffri ħafna sfidi u punti ta' riflessjoni fuq il-personalità u l-ħsieb ta' Fenech Adami**